


# IL-PONT

miġbura minn Patrick SAMMUT

ħarġa Nu. 38 - **MARZU 2016**


# editorjal

Waqt li kont qed naqra parti mid-djarju abbundanti tal-kritika tal-arti, femminista u filosfa, Carla Lonzi (1931-1982), hi u tikteb dwar il-kittieba Taljana Natalia Ginzburg, laqatni dan il-ħsieb: "Nei racconti brevi della Ginzburg c'è una prefazione di quattordici pagine in cui parla di come ha vissuto il nascere e lo svilupparsi della vocazione a scrivere: l'idea di essere scrittrice viene fuori come una sovrapposizione (alienante) al bisogno di esprimersi." (30 ta' Lulju 1974) Il-kitba hija vokazzjoni u min qiegħed f'dan il-qasam jaf sew li magħha ġġib sagrifiċċji u tbatija kbar.

Dan il-bżonn li wieħed jesprimi ruħu jiena norbtu ma' kittieba lokali bħal Walid Nabhan li f'dawn l-aħħar ġimgħat deher ukoll fuq it-televiżjoni lokali jesprimi bla biża' imma b'kuraġġ kbir ħsibijietu dwar sitwazzjonijiet li għandhom jinkwetawna tassew. Minflok, bosta minna qegħdin jifirħu bil-"baħnanati" ta' persunalitajiet oħra li mdorrijin naraw fuq it-televiżjoni lokali, "baħnanati" li jiġu pprovokati minn imħuħ dgħajfa u manipulati minn opportunisti li jippretenduha fanali tal-kultura lokali.

Nhar is-Sibt 13 ta' Frar kienet is-serata finali tal-festival tal-kanzunetta Taljana Sanremo. Dan huwa avveniment li ġie segwit minn miljuni ta' persuni, inkluż minn Malta. It-tmexxija f'idejn il-preżentatur Carlo Conti kienet eċċellenti, bħalma eċċellenti kienu

# werrej


| | |
|---|---|
| *L-Aħbarijiet* | **3** |
| *Reazzjonijiet* | **6** |
| *Ktieb mill-qrib* | **7** |
| *L-Intervista* | **8** |
| *Raddiena ta' Lwien* | **10** |
| *Ir-rakkont (1)* | **13** |
| *Ir-rakkont (2)* | **14** |
| *Ir-rakkont (3)* | **16** |
| *Il-poeżiji* | **19** |
| *Il-Poeżiji - Lil Hinn Minn Xtutna* | **22** |
| *Minn fuq l-Ixkaffa* | **24** |



Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**

# l-editorjal kont...

bosta ħwejjeġ oħrajn. Sanremo huwa taħlita mlewna ta' mużika, żfin, moda, u iktar. Fuq kollox ħakmet il-kelma li ħalliet il-marka tagħha. Din hija l-kelma maħsuba minn qabel li meta jiġi waqtha tingħad b'attenzjoni kbira għalkemm wara velu ta' spontanjetà. Hija l-kelma li tingħad minn persuni li huma mħarrġin apposta fil-qasam u li wara spallejhom għandhom snin twal ta' esperjenza valida. [Hawn Malta għandna "preżentaturi" li lanqas jafu d-differenza bejn "eċitazzjoni" u "eċitament"]. Waqt din is-serata finali tal-Festival ta' Sanremo laqtuni ż-żifna mill-isbaħ tal-ballerin Taljan Roberto Bolle, il-messaġġ favur il-promozzjoni tal-kultura vera min-naħa tal-kantant u artist Renato Zero, u anki l-poeżija tal-priġunier Giuseppe Catalano "P.s. Post Scriptum" moqrija mill-attur Gabriel Garko. Isaħħar kien ukoll il-kontribut mużikali fuq il-pjanu tal-maestro Ezio Bosso waqt serata oħra tal-festival. Żgur li din id-darba Sanremo għamel mill-aħjar biex jagħti risposta lil dawk kollha li jesprimu ruħhom - u bir-raġun! - kontra l-medjokrità li qed jitimgħuna l-mezzi tax-xandir in ġenerali.

Żewġ waqtiet sbieħ oħrajn kienu meta waqt edizzjoni tat-Telegiornale tar-Rai 1 t-telespettaturi setgħu jaraw lil Umberto Eco ffotografat - kittieb, semjologu, kritiku letterarju u iktar , li ħalliena fid-19 ta' Frar - fil-librerija enormi tad-dar tiegħu. Il-mewt ta' dan il-personaġġ ta' fama dinjija ngħatat spazji wesgħin fuq il-midja Taljana u dinjija. L-istess edizzjoni tat-Telegiornale ddedikat mal-erba' minuti lil ħanut tal-kotba żgħir fiċ-ċentru ta' Turin li jiftaħ mis-7 ta' filgħodu sa nofsillejl kuljum, inklużi l-Ħdud u l-btajjel pubbliċi. Kien intervistat il-proprjetarju tal-ħanut - li ilu miftuħ għal dawn l-aħħar 20 sena - u bintu, flimkien ma' xi wħud minn dawk li jiffrekwentaw il-ħanut. Huma spazji bħal dawn fuq il-mezzi tax-xandir li jagħmlu verament sens u li jkattru l-imħabba lejn il-ktieb u lejn il-kultura! Fuq in-naħa l-oħra, f'Malta hawn ħwienet "tal-kotba" li jbiegħu ġugarelli, ħelu, ċikkulata u ħwejjeġ oħra li m'għandhomx x'jaqsmu mal-kotba, immexxijin minn persuni li ma jifhmu xejn fil-kotba, u li jekk jaraw tifel jew tifla jqallbu fl-ixkaffi tal-kotba għal iktar minn kwarta bla ma jixtru jkeċċuhom 'il barra! X'ironija! Dan huwa kollu frott tal-pluraliżmu u tal-kapitaliżmu li bosta drabi qed jobżqu f'wiċċ il-kultura vera.

Dan qed jiġi rifless ukoll fir-rumanzi bil-Malti li qed jiġu ppubblikati llum. Ftit jiem ilu t-tifel il-kbir tiegħi qalli li l-għalliema kienet qed taqralhom fil-klassi rumanz ta' kittieba emerġenti. Qalli li kien qed jogħġbu u b'hekk xtrajnieh minn ħanut tal-kotba. Ftit wara li beda jaqrah ġibidli l-attenzjoni għall-fatt li fil-ktieb kien hemm kliem bħal "ħara" u "bullshit" użati. Anki huwa bħal ħass li dawn mhux lokhom f'xogħol letterarju. Jiena weġibtu li dik hija l-moda llum u allaħares kittieb ma jużax kliem bħal dan għax jingħata l-ġenb u jitqies bħala antikwat u moralist. Imnalla li hemm djar tal-pubblikazzjoni li jwarrbu mill-ewwel u jsabbtu l-bieb f'wiċċ kittieba "antikwati u moralisti" bħal dawn! Kieku Malta għadha lura sekli sħaħ fil-qasam letterarju u l-premjijiet f'dan il-qasam ma jintrebħu qatt! Grazzi tassew lil dawk il-kittieba li qed iżommuna aġġornati mal-letteraturi barranin anki minn dan il-lat.

**Patrick Sammut (Fundatur u Editur)**
**sammutpatrickj@gmail.com**

# l-aħbarijiet

**JITFAKKRU L-40 SENA MIT-TWAQQIF TAL-GĦAQDA POETI MALTIN**

Nhar l-Erbgħa 16 ta' Diċembru 2015 l-Għaqda Poeti Maltin fakkret l-40 sena mit-twaqqif tagħha billi nediet l-antoloġija poetika *Raddiena ta' Lwien* li tiġbor fiha poeżiji miktubin esklussivament mill-membri tal-Għaqda stess. Waqt is-serata taw is-sehem tagħhom il-President tal-Għaqda, Charles Magro, il-viċi-President Omar Seguna, li qara diskors tal-President Onorarju Alfred Massa, Patrick Sammut li qara studju tiegħu dwar ix-xogħlijiet fl-antoloġija poetika, in-neputi tal-fundatur tal-Għ.P.M. Mons. Amante Buontempo, Victor Chetcuti, li tkellem dwar xi tifkiriet minn tiegħu dwar zijuh, u l-kantawtur u mużiċist Walter Micallef. Wara l-membri li attendew għas-serata ngħataw kopji tal-antoloġija u gawdew minn riċeviment żgħir imtella' għall-okkażjoni.



**Uħud minn dawk li attendew għat-tnedija ta' *Raddiena ta' Lwien*.**

**LEJLA DOREEN MICALLEF**

Nhar il-25 ta' Jannar 2016 l-Akkademja tal-Malti flimkien ma' PoeżijaPlus tellgħu serata bl-isem ta' "Doreen Micallef - Il-Poeżija, Il-Konferenza". Is-sit magħżul kien il-Palazzo De La Salle, fi Triq ir-Repubblika fil-Belt Valletta.

**LEJLA EBEJER FIĊ-ĊENTRU TAD-DRAMA**

Nhar il-31 ta' Jannar 2016, iċ-Ċentru tad-Drama fil-Blata l-Bajda tella' Lejla Ebejer permezz tal-produzzjoni tad-dramm *Is-Sejħa ta' Sarid* taħt id-direzzjoni ta' Dominic Said. Wara kien hemm diskussjoni dwar il-ħajja u x-xogħlijiet tad-drammaturgu u kittieb Francis Ebejer, immexxija minn Dr Marco Galea. Ħadu sehem Michael Sciortino, Alan Fenech, James Aquilina, Marisa Aquilina, u Jennifer Zerafa, filwaqt li kienu mistednin Karmen Azzopardi, Lino Farrugia, Dr Paul Xuereb u Damian Ebejer.

**REBBIEĦA TAL-KONKORS TA' KITBA LETTERATURA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ *2015***

L-Aġenzija Żgħażagħ u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ħabbru li r-rebbieħa tal-Konkors ta' Kitba Letteratura għaż-Żgħażagħ 2015 huma Rita Saliba bil-manuskritt tagħha *Il-kulur tal-lellux* u Roberta Bajada bil-manuskritt *Termini u Kundizzjonijiet Japplikaw*. Iċ-ċerimonja ta' premjazzjoni saret nhar il-Ħamis, 11 ta' Frar, 2016 fil-'Youth Village' taL-Aġenżija Żgħażagħ f'Santa Venera u kienet preseduta mill-Onor. Chris Agius, Segretarju Parlamentari għar-Riċerka u Innovazzjoni, Żgħażagħ u Sport. Kull sena, l-Aġenzija Żgħażagħ flimkien mall-KNK jorganizzaw dan il-konkors li jagħżel, jippremja u jippubblika rumanzi bil-Malti miktuba għal qarrejja adoloxxenti. Huwa konkors miftuħ għall-kittieba minn għoxrin sena 'l fuq u l-manuskritti jridu jindirizzaw adoloxxenti bejn it-13 u 18-il sena. Sottomissjonijiet għal dan il-konkors jesploraw temi relatati mas-sitwazzjonijiet varji li jaffaċċjaw iż-żgħażagħ f'dak il-perjodu ta' ħajjithom. Żewġ rebbieħa jintagħżlu għal kull edizzjoni tal-konkors u xogħolhom jiġi ppubblikat. Għal aktar tagħrif dwar dan żur: Is-sit tal-KNK: http://ktieb.org.mt/?page_id=144&lang=mt; is-sit ta' Aġenzija Żgħażagħ: http://www.agenzijazghazagh.gov.mt/News/580/

**SERATA LETTERARJA FL-OKKAŻJONI TA' SAN VALENTINU**

Nhar il-15 ta' Frar fis-Sistina Wine & Co., il-Gżira, l-Għaqda tal-Malti - Università, flimkien ma' Inizjamed tellgħu serata letterarja bl-isem ta' "Qalbek tħabbat SITTA SITTA?" Waqt din l-okkażjoni saret sessjoni ta' *open mic* fejn kull min kien preżenti kien imħeġġeġ iġib siltiet ta' poeżija jew proża marbutin mal-IMĦABBA u jaqrahom.

# l-aħbarijiet

**JITFAKKAR IL-JUM INTERNAZZJONALI TA' ILSIEN PAJJIŻ UNESCO**

Nhar il-Ħadd 21 ta' Frar 2016, VersAgħtini u l-Uffiċċju tal-President tellgħu attività b'risq il-lingwa Maltija fejn tfakkar il-Jum Internazzjonali ta' Ilsien Pajjiz tal-UNESCO. L-attività saret fil-Palazz tal-President, fil-Belt.

**GUIDO LANFRANCO JGĦADDI TLIET KOLLEZZJONIJIET TA' RIĊERKA LILL-POPLU MALTI**

L-istudjuż tal-folklor Guido Lanfranco, li għandu 85 sena, ta lil *Heritage Malta* tliet kollezzjonijiet ta' riċerka u studju li għamel matul is-snin rigward elementi differenti li sawru l-identità nazzjonali tagħna. Din mhix l-ewwel darba li Lanfranco għamel hekk. Matul ħajtu Lanfranco għamel riċerka dwar in-natura, drawwiet, tradizzjonijiet u folklor. Din id-darba Lanfranco ppreżenta *recordings* fuq *cassettes* u transkrizzjonijiet ta' aktar minn elf intervent li s-semmiegħa għamlu fuq programmi tar-radju dwar snajja', tradizzjonijiet u drawwiet li fil-ġejjieni se jiġu ppubblikati fi ktieb. Inklużi hemm ukoll 189 tpinġija dwar rimedji mediċinali popolari u sett ta' 80 tpinġija dwar drawwiet u tradizzjonijiet li Lanfranco pinġa mill-1974 sal-2015. Din il-kollezzjoni se tkun aċċessibbli għar-riċerkaturi fil-Palazz tal-Inkwiżitur li hu wkoll il-Mużew Nazzjonali tal-Etnografija.

**TMUT HARPER LEE, L-AWTRIĊI TA' *TO KILL A MOCKINGBIRD***

Nhar id-19 ta' Frar 2016 mietet ta' 89 sena Harper Lee, awtriċi tar-rumanz dwar l-inġustizzja razzjali bl-isem ta' *To Kill a Mockingbird* li biegħ iktar minn 40 miljun kopja. Dan ir-rumanz kien ippubblikat fl-1960 u rebaħ il-Premju Pulitzer ta' sena wara. Il-verżjoni ċinematografika dehret fl-1962 bl-attur Gregory Peck bħala Atticus Finch, avukat li jiddefendi raġel ta' ġilda skura li jiġi akkużat inġustament bi vjolenza sesswali fuq mara bajda. Harper Lee twieldet fit-28 ta' April 1926, fl-istat tal-Alabama tal-Istati Uniti. Interessanti l-fatt li ħafna jaħsbu li t-tieni rumanz, *Get Set a Watchman*, li nkiteb f'nofs is-snin ħamsin, u li kien ippubblikat fl-2015 wara ħafna polemiċi bħala *sequel*, ma kien xejn ħlief l-ewwel prova ta' *To Kill a Mockingbird*.



**Harper Lee mal-attur Gregory Peck.**

**IMUT UMBERTO ECO**

Fid-19 ta' Frar 2016 ħalliena wkoll Umberto Eco, rumanzier, kritiku letterarju, saġġista, filosofu u semjologu Taljan mill-belt ta' Alessandria, fil-Piemonte. Huwa kellu 84 sena. Ismu akkwista fama kbira mal-pubblikazzjoni tal-ewwel rumanz tiegħu fl-1980, *Nel nome della rosa*. Rumanzi oħrajn tiegħu huma *Il pendolo di Foucault* (1988), *L'isola del giorno prima* (1994), *Baudolino* (2000), *La misteriosa fiamma della regina Loana* (2004), *Il cimitero di Praga* (2010) u *Numero Zero (*2015). Ta' min niftakru li l-kontribut ta' Eco bħala pubblikazzjonijiet huwa ħafna ikbar minn hekk. Huwa kien ukoll kontributur regolari għar-rivista *Espresso* sa mill-bidu tagħha fl-1955, u kitbietu dehru wkoll f'bosta gazzetti u rivisti oħrajn kemm Taljani kif ukoll barranin.



**Umberto Eco waqt waħda mill-ktar attivitajiet għal qalbu, il-kotba antiki.**

**TOĦROĠ BIBLIJOGRAFIJA TAL-KITTIEBA TALJANA DACIA MARAINI**

Ix-xahar ta' Frar 2016 ra l-pubblikazzjoni tal-biblijografija voluminuża tal-kittieba Taljana Dacia Maraini. Dan il-volum ta' 350 paġna għandu mal-4900 refenza biblijografika li joffru stampa ċara u dettaljata kemm tal-produzzjoni enormi tal-awtriċi kif ukoll tal-kontribuzzjonijiet kritiċi miktubin dwarha. Matul karriera ta' kważi 60 sena Dacia Maraini (li twieldet fl-1936 fi Fiesole, qrib Firenze) kitbet 16-il rumanz, 20 ġabra ta' rakkonti, 10 ġabriet ta' poeżija, 25 ktieb ta' saġġi, 15-il ktieb għat-teatru, kważi 400 kitba f'volumi oħrajn, u aktar minn 1500 artiklu fuq rivisti differenti. Fost ir-rumanzi u ġabriet ta' rakkonti ta' Mariani ta' min isemmi *Memorie di una ladra* (1972), *Isolina. La donna tagliata a pezzi* (1980), *La lunga vita di Marianna Ucria* (1990), *Bagheria* (1993), *Voci (*1994), *Dolce per sé* (1997), *Colomba* (2004), *Il treno dell'ultima notte* (2008), u *La bambina e il sognatore* (2015). Dan apparti eluf ta' intervisti dwar suġġetti differenti li dehru f'ġurnali u rivisti kemm Taljani kif ukoll barranin. Il-volum jismu *Dacia Maraini: bibliografia delle opere e della critica (1953-2014)*, u ħadmu fuqu Paolo Di Paolo, Eugenio Murrali, u Attilio Mauro Caproni, maħruġ f'Pontedera, mill-Bibliografia e Informazione, 2015.

**KORS DWAR IL-FILOSOFIJA TA' MANWEL DIMECH**

Bħalissa, kull nhar ta' Tnejn għal 5 ġimgħat (sal-21 ta' Marzu), għaddej kors speċjali dwar il-Filosofija ta' Manwel Dimech, mogħti minn Dr Mark Montebello. Matulu qed jiġu ttrattati dawn l-aspetti: Dimech, żmienu u kitbietu; It-taħriġ u l-prinċipji filosofiċi ta' Dimech; Il-kunċett tad-'dawl'; L-ixkiel tad-'dlam'; Pedagoġija ta' liberazzjoni. Dan hu l-ewwel darba li qiegħed jingħata kors. Dr Mark Montebello huwa espert tas-suġġett bil-pubblikazzjoni ta' diversi kotba dwaru. Il-post magħżul huwa l-Valletta Volunteer Centre, fi Triq Melita (kantuniera ma' Triq San Pawl).

**JOĦROĠ NUMRU IEĦOR TAR-RIVISTA *VERSI***

Ħareġ numru ġdid tar-rivista *Versi* (2015.2), maħruġa mill-Għaqda Poeti Maltin. Fl-Editorjal, il-President, Charles Magro, jikteb li hemm il-ħtieġa ta' għajnuna lil min jikteb il-Poeżija. Din il-ħarġa tagħti spazju wiesa' lill-antoloġija poetika *Raddiena ta' Lwien* li tfakkar l-40 sena minn mindu twaqqfet l-Għaqda Poeti Maltin. Il-President-onorarju Alfred Massa jikteb dwar l-attivitajiet li spikkaw l-iktar matul dawn l-40 sena. Insibu rapport dwar is-serata ta' tnedija tal-antoloġija ġdida u rapport ieħor dwar is-serata ta' premjazzjoni tal-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija "Mons. Amante Buontempo" 2015, paġni ddedikati lill-poeżiji kemm ta' poeti membri kif ukoll poeti barranin, studji kritiċi li jservu bħala għajnuna għall-istudenti tal-Malti fil-livelli SEC u MATSEC, intervista mal-poeti żgħażagħ Josef Borg u Carlston Grima, u paġni ta' reċensjoni dwar il-kotba *Raddiena ta' Lwien* u *Fl-Għabex*, dan tal-aħħar ta' Alfred Massa. Wieħed jista' jaqra wkoll il-poeżija *Sentinelli* - b'noti dettaljati f'tarf il-paġna - miktuba minn Rigu Bovington. Żewġ ħarġiet ta' *Versi* jiswew 6 ewro, posta inkluża. Jistgħu jinkisbu billi wieħed jikteb lil Mrs. M.D. Chircop, Blk.E/77, Marshall Court, Gżira, GZR 1323.


Għaqda Poeti Maltin
ħarġa 2016/1

VERSI

## Għajnuna lill-Kittieba

Meta twaqqaf il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) l-għan kien li ssir promozzjoni qawwija favur il-qari fost il-poplu u biex tingħata għajnuna lill-industrija tal-pubblikazzjoni biex tilħaq ċerti livelli fil-preżentazzjoni, fl-istampar, u wkoll fil-kwalità tal-kontenut tal-kotba li jintefgħu fis-suq.

Ma nistgħux ngħidu li ma sarx progress. Il-kotba ppubblikati żdiedu (jingħad li f'Malta qed jiġi ppubblikat ktieb kuljum); il-poplu beda jsib aktar x'jaqra (b'mod speċjali bil-Malti); u l-industrija qed taħdem b'mod professjonali, u ħafna mill-kotba fis-suq Malti huma xogħlijiet tal-istampar mill-isbaħ.

Iżda l-ikbar problema baqgħet l-għajnuna (finanzjarja u ta' xorta oħra) lill-kittieba. Bil-miżuri li ttieħdu sal-lum, din il-problema għadna anqas biss bdejna nfittxu t-tarf tagħha. Il-konsegwenza hi li ħafna kittieba, biex jippubblikaw ix-xogħlijiet tagħhom, ikollhom kull darba joħorġu mill-but somma sostanzjali ta' ewro. Din is-somma tikber minn żmien għal ieħor minħabba li l-ispejjeż tal-istampar dejjem telgħin 'il fuq.

L-alternattiva hi li l-kittieba jbigħu il-jeddijiet għal 'erba' soldi', għax il-pubblikatur irid jagħmel profitt, naturalment. Barra minhekk, ħafna kittieba jidħlu f'kuntratt ma' pubblikatur bil-wegħda ta' ċertu ħlas mifrux fuq għadd ta' snin, u sakemm jagħlaq il-kuntratt is-somma li jkun daħħal il-kittieb/a tkun waħda redikola.

**Il-Kuntratt bejn il-Kittieb u l-Pubblikatur**

Rajt kuntratt minn dawn li jiċċassa lil kulmin jaqrah. Il-pubblikatur ried jorbot lill-kittieb bil-miktub li jkollu jħallas l-ispejjeż tal-istampar jekk il-ktieb ma jinbiegħx minħabba nuqqas ta' pubbliċità min-naħa tal-kittieb. Barra minhekk, fil-kuntratt kien hemm ukoll li l-kittieb ikollu jixtri hu l-kopji li jkunu baqgħu ma nbiegħux meta jagħlaq il-kuntratt. Jekk dan m'hux sfruttament, għiduli x'inhu.

Meta l-KNK stabbilixxa l-Premju Nazzjonali "Il-Ktieb tas-Sena", bi premju li jikkonsisti f'somma ta' ewro flimkien ma' trofew, il-kittieba ħassew li dan seta' jinċentivahom biex jirkupraw xi ħaġa mill-ispejjeż li jkunu għamlu biex jippubblikaw xogħlijiethom. Iżda matul is-snin li fihom ilu jingħata dan il-Premju, dejjem ingħata (jew kważi dejjem) lill-istess kittieba.

M'għandi xejn kontra dawn in-nies; anzi nammirahom għax huma kollha kittieba, poeti, rumanziera, prożaturi, kritiċi letterarji, storiċi, eċċ., tajbin ħafna, u isimhom sar sinonimu mal-ambjenti letterarji Maltin. Iżda jekk din l-għajnuna dejjem qed tispiċċa għand l-istess nies, l-oħrajn kif qegħdin jiġu megħjuna? Il-problema għadha kbira. Ħafna mill-kittieba ta' żmienna jħossu li b'dan il-pass morna lura, minflok 'il quddiem. Fl-imġħoddi kien jingħata sussidju żgħir lil kull awtur li kien jippreżenta xogħlu lill-KNK, u b'hekk KULĦADD kien jieħu xi ħaġa żgħira biex tittaffa xi ftit il-problema. Għalkemm, anqas din ma kienet soluzzjoni xierqa, għax is-sussidju tant kien ikun żgħir li ma kienx ifejjaq il-ġerħa.

**L-Għajnuna dejjem tingħata lill-istess nies**

L-istess ġara bl-inizjattiva tal-KNK li biha l-kittieb jieħu xi ħaġa żgħira kull meta xi ħadd jissellef ktieb minn tiegħu mil-librerija tal-iStat. Hawn ukoll, parti sostanzjali mis-somma allokata qed tingħata lill-istess nies; lil kittieba li llum huma 'stabbiliti'. U dawk li verament għandhom bżonn l-għajnuna m'huma jieħdu xejn, inkella ftit ħafna. Ktieb tar-

tkompli f'paġna 2 VERSI - 1

# reazzjonijiet

**Email mingħand Paul P. Borg, 3 ta' Diċembru 2015**

Għażiż Patrick,

Grazzi minn qalbi ta' IL-PONT. Bħas-soltu mimli tagħrif siewi imma fuq kollox mimli b'kitba sabiħa. Minkejja li tagħmlu waħdek u minkejja dak li jxandru l-Għaqdiet tal-Malti, xorta naħseb li IL-PONT hu l-aktar mistenni għax jidher li ħiereġ mill-qalb. Grazzi tas-silta ta' Carmel Attard. Grazzi wkoll tal-editorjal li laqat il-musmar sewwa fuq rasu! Tassew qed jiġu stampati għadd kbir ta' kotba li hu ħaġa sabiħa. Imma ssewwed qalbek meta tara l-kwalità ta' xi wħud! Il-problema hi li minħabba wħud jeħel kollox ma' kollox!

Tislijiet,
ħabibek Pawlu

**Email mingħand Victor V. Vella, 9 ta' Diċembru 2015**

Hello Patrick,

Grazzi tal-aħħar ħarġa ta' IL-PONT li waslet bis-sliema u li hi ħarġa interessanti. Għalija hi l-vera 'pont' bejn hawn u hemm u tagħtini idea ta' kif qiegħed jaħdem 'il-polz' tal-Malti f'pajjizu.



Fl-editorjal tal-aħħar ħarġa semmejt il-Festa tal-Ktieb. Kull sena hemm ukoll il-Premju tal-Ktieb. Kif tista' taqbad l-enfasi hu u għadu fuq 'il-ktieb'. Li żżomm mat-tradizzjoni fiha is-sabieħ tagħha għax it-tradizzjoni toffrilek ħajt tal-kenn u jekk tiġi biex tbiddel jista' jinqala' xi ftit inkwiet. Min-naħa l-oħra jekk ma tbiddilx u taġġorna tista' titlef ukoll. Ma nistax ngħid li l-ktieb m'għadux prominenti u popolari: min-naħa l-oħra daż-żmien daħlu ċerti mezzi oħra li jwasslu l-kitba quddiem l-għajnejn fuq l-iskrin u sal-widnejn ta' dawk li jinteressaw ruħhom mil-kitba Maltija. F'kelma waħda għandna r-radju, għandna l-kompjuter u għandna s-c.ds.

Fil-fatt il-kitba tiegħi ta' dawn l-aħħar tletin sena iżjed tikkonsisti f'kitba għar-radju li mbagħad nagħmilha fuq c.ds. Għadni kemm ippubblikajt sensiela ta' 50 esejs qosra taħt it-titolu IS-SABIEĦ li diġà xandart fuq l-i*Special Broadcasting Services* ta' hawn l-Awstralja u li issa qegħdin għall-bejgħ u ... sejrin tajjeb. L-istess għamilt bil-MITT ITTRA LIL GERIT (ittri lil ġirl-friend li ħallejt Malta meta sifirt). Dawn ġbarthom f'10 c.ds. Sensiela oħra, FIS-SETAĦ GĦAR-RWIEĦ, li ħriġt bħala ktieb u wkoll bħala c.d. u tal-aħħar, jiġifieri s-c.d. mexa aħjar minn tal-ewwel. Daqshekk biżżejjed eżempji.

Li rrid nuri hu li wasal iż-żmien li flok 'ktieb' nibdew nużaw 'KITBA' ħalli tinkludi wkoll dik il-kitba li tinstema' fuq ir-radju fuq c.ds u l-bqija u tkun iżjed inklussiva. Barra minn hekk u biex indaħħal il-kwistjoni tal-bejgħ milli rajt u għaddejt minnu kemm hawn kif ukoll Malta li l-Maltin iżjed jieħdu pjaċir jisimgħu milli jaqraw. Nibża' li li taqra bil-Malti għadu fih ftit jew wisq ir-riħa tal-klassi. Kien numru ġmielu ta' nies li qaluli kemm jieħdu pjaċir jisimgħu s-c.ds waqt li jkunu jsuqu! Li meta tiftakar kemm ngħaddu żmien insuqu jew nistennew it-traffiku jiċċaqlaq , jagħmel sens.

Victor V. Vella.. Sydney, Awstralja

# ktieb mill-qrib

**Erba' rakkonti minn *Xbihat fuq it-Tila* ta' Salv Sammut, Horizons 2015.**




*Għall-Imħabba ta' Farfett* - miktuba fl-1968 - hija ħrafa magħmula minn kliem sempliċi, xbihat naturali u mill-isbaħ, b'ritmu mexxej li għandu wkoll mill-perennità tal-ħwejjeġ li jibqgħu u miċ-ċiklu naturali. Hawn Sammut jikteb dwar is-sagrifiċċju, id-determinazzjoni u l-imħabba, imma anki dwar l-arti li kapaċi tirrendi eterna l-isbuħija naturali, anki dik tal-ħlejjaq ċkejknin. Il-kobor tal-misteru naturali jitpoġġa f'kuntrast maċ-ċokon ta' ħlejjaq bħall-fjura u l-farfett.

*Mit-Taqlib tal-Imgħoddi* – miktub fl-1969 - hu rakkont li jinqasam f'partijiet differenti. Il-bidu jiftaħ b'similitudni mill-isbaħ – "Qatra ilma oħra waqgħet mill-vit ġewwa l-barmil, l-istess bħalma l-jiem tal-ħajja jqattru jum wara ieħor fis-satal fond u wiesa' tal-umanità." (p. 11) -, parti minn silta riflessiva, u l-azzjoni titqiegħd fil-preżent. Il-protagonist hu xiħ li tilef saħħtu u jgħix waħdu. Jaħkem sens ta' telqa f'daru, filwaqt li fir-reġistru lessikali li jintuża hemm l-idea semantika tat-tila-tpinġija li torbot mat-titlu tal-ktieb preżenti: "kwadru mmejjel", "għeb u ddellek fiż-żlieġa tal-imgħoddi." (p. 13) Xbieha oħra hija l-ftuħ tal-kexxun u t-tiftix fih li jitqabblu ma' min qed jiftaħ taqsima fil-memorja biex jerġa' jagħti d-dawl lil ħwejjeġ li ilhom li ntesew. Il-bqija tar-rakkont jalterna bejn azzjoni fil-preżent u fl-imgħoddi (il-*flashback*), biċ-ċurkett tar-ramm li jorbot flimkien iż-żewġ żminijiet – imma anki l-partijiet differenti tar-rakkont - mifrudin b'ħamsin sena. Dawk li xi darba kienu namrati żgħażagħ jerġgħu jiltaqgħu ħamsin sena wara. It-ton ġenerali hu malinkoniku u fost it-temi ttrattati hemm l-għarfien tax-xejn tal-bniedem.

Anki r-rakkont *Ħitan tas-Sejjieħ* – miktub fl-1970 - jiftaħ bi xbieha sabiħa: "L-istess bħall-mewġ tal-eżistenza li jħabbat u jimla l-ħofor ta' ruħ il-bniedem. Ma jehda qatt u ma jagħti ebda nifs li wieħed jistejqer bejn mewġa u oħra." (p. 35) Anki hawn il-motiv taż-żmien li jxejjen lill-bniedem: "X'ħerba jaf jagħmel iż-żmien! U kemm hu ikrah il-fdal li jħalli warajh!" (p. 37) Dan ta' Sammut hu rakkont li jimxi bejn realiżmu u viżjoni pessimistika tal-ħajja.

*F'Jum Ikħal tas-Sajf* – anki dan miktub fl-1970 - hu rakkont li jiżvolġi bejn żewġ poli opposti u estremi: it-tfulija fuq naħa u l-ħarifa fuq l-oħra, l-innoċenza fuq naħa u s-sess adult fuq l-oħra. Hemm bosta analoġiji bejn iċ-ċiklu naturali u t-tiġrib tal-ħajja. Il-protagonisti din id-darba huma tfal mhux xjuħ. Ritmikament jinħass li Sammut irid iwassal lejn xi ħaġa li taħsad. Hawn naqraw dwar inizzjazzjoni, dwar il-waqgħa fid-dnub u t-telfa tal-innoċenza. Anki hawn is-sess jintrabat ma' waqtiet donnhom misruqin u li wara tmiemu jħalli sens ta' vojt. Mela hawn is-sess jinftiehem bħala dak li jikkomplika s-sitwazzjoni; fl-istess ħin jagħti lit-tifel/tifla sens ta' viżjoni li qabel ma kellhomx, u dan mhux vantaġġ. L-idea hi li wara kollox l-iskoperta tal-adultezza ma ġġibx magħha la ferħ u lanqas pjaċir.

*Ta' min jgħid li Salv Sammut hu l-awtur ta' ġabriet ta' poeżija u anki ta' għadd ta' rumanzi. Għamel xi żmien Segretarju tal-Għaqda Poeti Maltin.*

# l-intervista

## Rita Saliba



*Rita Saliba twieldet fit-13 ta' April, 1964. Ħadet l-edukazzjoni tagħha l-iskola Primarja tal-Imqabba u spiċċat is-Sekondarja l-iskola Maria Assumpta tal-Ħamrun. Kompliet l-istudji tagħha post sekondarji fin-*New Lyceum *l-Imsida qabel daħlet taħdem il-bank fl-1981. Illum Rita hija Qarrejja tal-Provi.*

*Rita Saliba hija waħda mill-awturi tas-sensieli* Senduq, Kalejdoskopju *u* dot.mt. *Ippubblikat il-kotba tat-tfal* Kevin u Qatra Xita *u l-ktieb* Psst Psst Buk Buk, stejjer mill-Birdkpark. *Fl-2009 ħadet it-tielet premju f'konkors imniedi mill-Għaqda Poeti Maltin. Rebbieħa tal-ewwel u t-tielet konkors kitba għaż-żgħażagħ bir-rumanzi tagħha* Inżul ix-Xemx u Bella Berger. *Hija wkoll waħda mir-rebbieħa tal-Konkors ta' Kitba Letteratura għaż-Żgħażagħ 2015 bil-manuskritt tagħha* Il-kulur tal-lellux. *Kitbiet oħra għall-adulti dehru fil-pubblikazzjonijiet* Skariġġi u Kieku l-ikel jitkellem. Satin *huwa l-aħħar pubblikazzjoni tagħha.*

**Meta bdiet ir-rabta tiegħek mal-qari u mal-kitba?**

Ir-rabta tiegħi mal-qari u l-kitba bdiet ta' età żgħira. Minn dejjem kont inħobb il-kotba u fil-kaxxa tal-ġugarelli dejjem kien hemm post speċjali għall-kotba 'tiegħi'. Ta' ħames snin niftakar li kelli ħafna kotba tal-*Ladybird*. Kont naqra dejjem bl-Ingliż iżda l-ewwel poeżija ktibtha meta kelli seba' snin, bil-Malti.

**Kemm kienu importanti l-familja u l-iskola f'dan ir-rigward?**

Il-familja kienet importanti ħafna f'dan ir-rigward. Trabbejt f'ambjent tal-kotba. F'kull kamra kont issib il-kotba u l-ġenituri kont ta' spiss narahom bi ktieb f'idejhom. Meta bdejt nattendi l-iskola primarja kellna librerija fil-klassi. Konna nkunu nistgħu nagħżlu l-ktieb li jogħġobna. Ħafna għalliema kienu jaqrawlna xi storja qabel iddoqq l-aħħar qanpiena. Huma memorji sbieħ ħafna. Meta għaddejt għas-sekondarja, il-librerija kienet ikbar u b'kotba b'temi varjati. Kont inpartat ukoll xi kotba ma' sħabi.

**Kif ivarjaw u x'hemm komuni bejn il-kitba tal-poeżija u dik tal-proża?**

Il-poeżija u l-proża jistgħu jvarjaw fit-tul u fl-istruttura. Il-poeżija x'aktarx li se tkun iqsar, għalkemm ma jfissirx li ma tkunx profonda. Min-naħa l-oħra fil-proża l-kittieb ikun aktar liberu. Jista' jesprimi ruħu aktar fit-tul jew jikteb deskrizzjonijiet dettaljati. Madankollu l-proża tista' tkun poetika. L-espressjonijiet idjomatiċi u metaforiċi jistgħu jintużaw kemm fil-proża kif ukoll fil-poeżija. Il-proża jista' jkollha wkoll ritmu u allitterazzjoni, bħalma nsibu fil-poeżija.

**X'tippreferi minn dawn iż-żewġ ġeneri? U xi tgħid għall-kitba tad-drama?**

Nippreferi l-proża. Inħossni aktar libera nesprimi ruħi. Ġieli nħoss li għandi nikteb ftit fit-tul biex nirrakkonta. Drabi oħra ġieli nikteb biċċa kitba qasira u ma nkun nixtieq inżid xejn aktar bħal meta nkun esprimejt ħsieb jew riflessjoni. Ġieli ppruvajt kitba għad-drama iżda wara ftit inħoss li għandi nerġa' nikteb proża. Hemmhekk inħossni l-aktar komda.

**Kittieba li jispirawk jew influwenzawk?**

Meta kont iżgħar kien jispirani ħafna Graham Green għall-mod kif jorqom il-karattri, u Agatha Christie għall-mod kif tħallik sal-aħħar biex tiżvela min hu l-ħati. Maż-żmien fittixt aktar xogħlijiet ta' awturi differenti. Daż-żmien jispirawni ħafna Philip Pullman, Margaret Atwood, Jacqueline Wilson u Anne Fine.

**Taħseb li fil-kitba tal-letteratura hemm differenza bejn sensittività femminili u maskili? X'tista' tkun?**

Iva, naqbel li hemm sensittività fejn tidħol kitba; kemm dik maskili kif ukoll dik femminili. Il-vuċi tan-narrazzjoni ħafna drabi tiżvela jekk min qed jirrakkonta hux mara jew raġel. Ma jfissirx li kitba ta' awtur raġel ma tistax tkun sensittiva. Iżda jeżistu




differenzi; primarjament huma d-differenzi fiżiċi u dawk kulturali. Hemm rwoli li jiddeterminawhom ġisimna stess u anki l-mod kif naħsbu. Eżempju ta' dan hija l-maternità u xi prijoritajiet li ġġib magħha.

**Xi rwol għandhom l-internet, il-*workshops* letterarji u l-għaqdiet tal-Malti? Kemm huma importanti għalik?**

L-internet huwa għodda bżonnjuża ħafna fid-dinja tal-lum; huwa mezz ta' komunikazzjoni, importanti għar-riċerka u joħloq pont għall-kumplament tad-dinja. Il-*workshops* letterarji joffru stimolu għall-kitba kreattiva u fihom isir bdil ta' ideat. Jistgħu jgħinuk tagħraf liema stil ta' kitba tgħodd l-aktar għalik. L-Għaqdiet tal-Malti jsaħħu l-għarfien tagħna tal-lingwa u l-kultura.

**Liema huma x-xogħlijiet ippubblikati tiegħek?**

Kitbiet għat-tfal ġew ippubblikati fis-sensiela *Senduq* u *Kalejdoskopju*, kotba għall-primarja. Oħrajn għal tfal ikbar ġew ippubblikati fis-sensiela *dot.mt*. Kitbiet għall-kbar jidhru fil-pubblikazzjonijiet *Kieku l-ikel jitkellem* u *Skariġġi*. *Inżul ix-xemx* u *Bella Berger* huma rumanzi għall-adolexxenti. *Satin*, ġabra ta' novelli għall-kbar, m'ilux li ġie ppubblikat.

**Temi ewlenin fil-kitbiet tiegħek? Għaliex dawn?**

Temi ewlenin huma dilemmi u problemi tal-adolexxenza. Narahom temi ta' sfida u li biex tikteb dwarhom trid tirriċerka. Mhux biss iżda trid tħoss il-polz taż-żgħażagħ u tkun lesta għal stil ta' ħajja li dejjem qed tinbidel, anki fil-mod kif jesprimu ruħhom iż-żgħażagħ.

**X'jagħmel kittieba tajba?**

Kittieba tajba għandha timraħ u tipprova tesprimi ruħha b'ħafna modi, tirriċerka u tivverifika qabel tikteb dwar suġġett partikolari. Għandha tkun lesta li taċċetta kritika/tara fejn tista' tirfina. M'għandhiex tiddejjaq tiżbalja u terġa' tikteb mill-ġdid. Fuq kollox biex tkun kittieba tajba trid taqra ħafna.

**Kif tiddeskrivi lilek innifsek bħala bniedma? Passatempi u impenji oħrajn apparti l-kitba u l-involviment fl-għaqdiet tal-Malti?**

Naħseb jien bniedma li dejjem għaddejja minn ħaġa għal oħra. Fi kliem ieħor m'għandix kwiet. Inħobb ħafna l-mixi u l-għawm. Għandi għal qalbi l-kura tal-pjanti u t-tisjir. Ħafna drabi nesprimi ruħi wkoll bit-tpinġija u l-pittura. Membru attiva fil-Kunsill tal-Akkademja tal-Malti.

**SEMA FL-ART**

Jien kont ċkejken, dejjem noħlom
b'sema fl-art:
ħajja ħelwa li fi ħsiebi
kont sawwart.

Iżda s-sema baqa' sema;
ma ġiex fl-art,
u sirt naf li dik biss ħolma
xi ftit tard.

**ĠORĠ BORG**

# RADDIENA TA' LWIEN ġabra ta' poeżiji mill-Għaqda Poeti Maltin.

Kitba ta' Patrick Sammut




***Dan hu diskors li Patrick Sammut qara waqt it-tnedija tal-antoloġija ġdida tal-Għaqda Poeti Maltin,* Raddiena ta' Lwien*, 2015.***

Għaddew 40 sena mit-twaqqif ta' din l-Għaqda li sa mill-bidunett ħadmet sod biex tferrex l-interess u l-imħabba lejn il-poeżija miktuba b'kull ilsien, u mhux bil-Malti biss. Matul dawn l-40 sena bosta taw sehemhom f'kumitati differenti, min b'mod u min b'ieħor, u dan taħt id-direzzjoni ta' Presidenti u poeti huma stess, bħal Rev. Mons. Amante Buontempo, Alfred Massa u issa Charles Magro. Matul dawn l-40 sena, apparti s-serati ta' poeżija li l-Għaqda tellgħet f'kull parti ta' Malta u Għawdex flimkien ma' attivitajiet oħra msemmijin il-lejla stess, ħarġet numru ta' antoloġiji ta' poeżija biex tagħti opportunità lill-membri tagħha jberrħu l-versi tagħhom u b'hekk tintroduċihom għad-dinja tal-poeżija, u biex tkompli ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha fil-qasam letterarju lokali. Kienu antoloġiji bħal *A Poetic Galaxy* (1983); *Diwi fl-Ispazju* (1985); *Tifkiriet Kalabriżi / Ricordi Calabresi* (1986); *Il-Papa fi Ħsieb il-Poeti Maltin* (1990); *Msiebaħ Mediterranji/ Lucerne Mediterranee* (1995), *Riflessi Fiddiena* (2000) u *Arkadja* (2004). F'dawn il-ġabriet kollettivi l-Għaqda Poeti Maltin permezz tal-membri tagħha wasslet il-vuċi tagħha lil kull min kellu l-kuraġġ jiftaħhom u jaqra ftit mill-benna tal-versi li fihom dejjem kien hemm preżenti.

U llum wasalna għat-tnedija ta' din it-tmien antoloġija bl-isem ta' *Raddiena ta' Lwien* (2015). Fiha hemm il-vuċi poetika ta' 39 poeta differenti (12 minnhom huma poeti nisa, mela ftit inqas minn terz tat-total), kollha membri tal-Għ.P.M., b'87 poeżija differenti. Huma poeti membri li jgħixu f'Malta, f'Għawdex u anki fl-Awstralja. Huma poeti li jintrabtu ma' oqsma differenti tad-dinja tax-xogħol: f'din il-ġabra naqraw versi miktubin minn edukaturi (l-ikbar taqsima), avukati, bankiera, inġiniera, nisa tad-dar, pitturi, mużewmini, botaniċi, trejdjunjonisti, tarznari, maratoneti, u nies mis-setturi tas-saħħa, tas-servizz ċivili, tat-teknoloġija informatika u tax-xjenza medika.

Min hu qrib il-membri tal-Għaqda jaf li f'din l-antoloġija nsibu miġburin flimkien poeżiji miktuba bil-Malti minn poeti ta' mill-inqas tliet ġenerazzjonijiet: hemm min qabeż it-tmenin sena u għadu jikteb b'sengħa kbira versi mill-isbaħ, u hemm min, żagħżugħ jew żagħżugħa, għadu kemm beda jinnamra u jesperimenta bid-dinja tal-versi. Madanakollu, meta wieħed jaqra x-xogħlijiet hawn preżenti jagħraf li l-livell poetiku ta' din l-antoloġija huwa ġeneralment wieħed għoli. Naqraw anki versi ta' poeti li għamlu isem lokalment kif ukoll barra minn xtutna billi rebħu għadd ta' premji marbutin mal-kitba tal-poeżija.

Inħoss li l-isem tal-ktieb laqat il-musmar fuq rasu: *Raddiena ta' Lwien*. Dan jiddeskrivi sewwa l-varjetà rżina ta' temi ttrattati mill-poeti differenti, imma hu anki rifless tal-varjetà ta' stili mħaddma. Mela, hawn se nsibu taħlita ta' poeżiji miktubin kemm fi stili tradizzjonali fejn il-prosodija (il-versi), il-metrika (l-istrofa), u r-rima huma regolari, u fost il-forom li jitħaddmu nsibu l-kwartina, it-terzina, id-distiku, is-sunett Taljan u Ingliż, u s-saffika. Min-

naħa l-oħra naqraw poeżiji miktubin bi stil modern bħall-vers ħieles fejn il-mużikalità toħroġ permezz tar-rimi ġewwiena u tal-alliterazzjoni. It-tnejn għandhom is-sabiħ tagħhom: hemm il-versi sempliċi li jinftiehmu bi ftit sforz jew tbatija, u hemm ukoll versi kemmxejn ermetiċi li jħalluk thewden u tistaqsi anki wara li tkun spiċċajt taqra l-poeżija. Lessikalment hemm min juża l-Malti safi biex b'hekk jipprova jqajjem mir-raqda ċertu kliem li llum ftit għadek tisimgħu. Oħrajn ma jiddejqu xejn iħaddmu Malti iktar modern li jissellef mit-Taljan u mill-Ingliż.

Strutturalment se naqraw poeżiji qosra fejn taħkem il-konċiżjoni, oħrajn li jtulu ftit iktar minn paġna. Hemm l-endekasillabu, il-vers tar-riflessjoni, li jimxi iktar kajman, imma fuq in-naħa l-oħra nsibu wkoll versi iqsar li jgħaġġlu r-ritmu daqslikieku qed insegwu xi biċċa mużika fuq tagħha. Riflessjoni u deskrizzjoni huma aspetti preżenti l-ħin kollu f'din il-ġabra bħal f'kull ġabra poetika li teħtieġ ir-rispett. Hemm drabi meta l-poeta juża l-ironija u l-grottesk biex iwassal l-assurdità tal-kundizzjoni umana.

Tematikament imbagħad m'hemmx limiti, ladarba l-poeżija, kif bosta jafu, hija ħaġa waħda mal-bniedem li jaħseb, iħoss u jġarrab dak kollu li jara u jisma' matul it-tellieqa tal-ħajja. Il-poeta jista' jiġi ispirat saħansitra minn sempliċi ħoss li jisma'. Hekk, waħda mit-tema li jispikkaw hija dik eżistenzjali fejn fuq quddiem titpoġġa r-relazzjoni tal-"jien" mad-dinja ta' madwarna, ir-relazzjoni tal-bniedem fiċ-ċokon tiegħu man-natura fil-kobor misterjuż tagħha, jew ir-rabta bejn il-mikro- u l-makrokożmu, imma anki d-djalogu bejn il-"jien u l-"int". Proprju fin-natura l-poeta spiss jirrifletti dwar twemminu. Huwa hawnhekk ukoll fejn il-poeżija tilħaq l-universalità u l-"jien" isir "aħna".

Tema oħra b'saħħitha hija dik soċjali. Hawn se naqraw poeżiji dwar bosta problemi li qed jolqtu lis-soċjetà umana fil-preżent, fosthom in-nies li jgħixu barra fit-triq, il-gwerra u l-kunflitti bejn poplu u ieħor (olokawst jew eċċidju li għadu jkaxkar sal-ġurnata tal-lum), il-vendetta u l-għatx għat-tixrid tad-demm, il-politiċi ċarlatani, id-droga, l-abort, il-materjaliżmu, is-solitudni li fiha jgħixu ċerti anzjani, il-faqar u s-serq. Quddiem dan kollu l-poeta jipprova jfittex rifuġju u kenn fit-tfulija – żmien is-safa u l-innoċenza – u fit-twemmin.

Hemm il-versi patrijottiċi, anki fis-sens wiesa'. Jiġu mfakkra waqtiet partikolari marbutin mal-istorja ta' pajjiżna, u mikxufa ċerti nuqqasijiet tal-poplu tagħna bl-intenzjoni li l-karattru tagħna l-Maltin jitjieb dejjem iktar. Naqraw ukoll versi li jesprimu l-imħabba tal-poeta lejn artu, versi li għandhom ħafna mill-Innu Malti tal-poeta Nazzjonali.

Taqsima oħra hija dik tal-versi ambjentali fejn il-poeta jgħanni l-isbuħija tad-dinja veġetali sakemm mhix mittiefsa mill-bniedem bil-progress fint li jġib miegħu. Hija dinja fejn jaħkmu elementi naturali bħalma huma l-baħar, il-widien u x-xemx, elementi li jikkaratterizzaw lill-gżejjer Maltin mil-lat fiżiku-naturali.

It-tema tat-twemmin hija b'saħħitha hawn ukoll, u dan huwa prova li minkejja li issa dħalna fit-tielet millennju u minkejja l-kurrent b'saħħtu li jħeġġeġ it-tixrid tal-libertinaġġ u tal-materjaliżmu, xorta waħda fil-qiegħ għadna poplu li jemmen. Hemm drabi meta l-ħoss tal-qanpiena tal-knisja jistieden lill-poeta jirrifletti u jidħol fih innifsu; drabi oħra l-poeżija tieħu l-għamla ta' talba jew salm u b'hekk isservi bħala duwa għar-ruħ u l-qalb.

Mottiv ieħor rikurrenti huwa l-imħabba li tiġi mwassla permezz tal-appell għall-ħames sensi. Kontra l-imħabba mbagħad tispikka l-mewt, mela l-eleġija. Permezz tal-poeżija l-poeta jirnexxilu jirbaħ lill-mewt u jtaffi mill-firda li ġġib magħha. Mela l-poeżija tinftiehem anki bħala serħan. Hawn insibu eleġiji miktubin mill-bint għall-missier li m'għadux, mir-raġel li tilef lil martu, in-neputi ċkejken li jistaqsi dwar nanntu li mietet, u l-poeta li jikteb dwar ħuh mejjet. It-tiġrib tal-ħajja huwa mwassal permezz ta' xbihat u riferimenti għad-dinja naturali. Hekk l-istaġun tar-rebbiegħa li jġib miegħu sens ta' ħajja huwa mqiegħed f'kuntrast mal-mewt tal-bniedem li ma tiġġeddidx. Ir-rebbiegħa bħala l-istaġun tal-ħajja titqiegħed f'kuntrast mal-abort li jintrabat mal-mewt. Għasfur magħluq ġo gaġġa

jgħin lill-poeta jirrifletti dwar l-imrar tal-ħajja u x-xewqa għall-ħelsien. Huwa fil-pajsaġġ rurali fejn taħkem l-armonija, it-tnejn aspetti li jintrabtu ma' żmien it-tfulija (realtà tal-imgħoddi), żmien nieqes mill-problemi li ġġib magħha d-dinja tal-adult. Hemm min saħansitra jfakkarna kemm kienet sabiħa fl-imgħoddi frażi bħalma kienet "Be'zzjoni, ma".

Naqraw versi miktubin mill-poeta-pittur, versi mimlijin ilwien differenti, versi fejn il-poeta anzjan jammira waqt vjaġġ fuq il-ferrovija l-isbuħija ta' żagħżugħa li tpoġġi qrib tiegħu. Bnadi oħra l-poeta jinħakem mill-ferħ ladarba jintemm żmien in-nixfa u d-diqa u jerġa' jinħakem mill-Muża.

Dak li jagħmlu l-poeti miġburin hawnhekk huwa vjaġġ multidimensjonali, vjaġġ li jseħħ fi spazji (l-Imdina, il-Port il-Kbir, Strada Rjali, Ħal Lija, Għawdex, imma anki Ġaża, Tripli, Ġerusalemm, Bengħażi, Melbourne, Brisbane, Ġinevra, Munich), u żminijiet differenti (it-tfulija, ix-xjuħija, ir-randan, l-Għid, ir-rebbiegħa, żmien il-Karnival), imma anki vjaġġ ġewwieni, personali u intimu. Huwa hawnhekk meta l-poeżija tinftiehem bħala esperjenza traxxendentali, meta l-bniedem jinqata' mill-waqt ta' hawn u issa biex isir ħaġa waħda ma' dak li seħħ diġà, dak li qed iseħħ fil-preżent u dak li għad iseħħ fil-ġejjieni.

*Raddiena ta' Lwien* tfakkarna li l-poeżija – żvog u faraġ fl-istess ħin - hija mera tal-irkejjen l-iktar profondi ta' ruħ u qalb il-bniedem. Il-poeżija ssaffi kemm lil min jiktibha kif ukoll lil min jaqraha – hija terapewtika għal min jagħtiha l-opportunità li żżuru. Din l-antoloġija tiġbor fiha Kumment introduttiv mill-President attwali tal-Għaqda Poeti Maltin, Daħla kritika mill-professur Oliver Friggieri, għadd ta' definizzjonijiet ta' x'inhi l-poeżija meħudin direttament minn xogħlijiet letterarji ta' poeti ta' statura internazzjonali differenti, u taqsima fl-aħħar iddedikata lill-bijografiji tal-parteċipanti. Prosit tassew lil kull min ta' sehmu f'din l-antoloġija li qed tfakkar l-40 sena tal-Għ.P.M. Ad multos annos.

**IMGĦALLQA L-ONESTÀ**

il-bdabad qegħdin jgħajtu "sallbu….sallbu",
u l-ħnieżer fuq iż-żewġ saqajn ixejru
l-lanez f'idejhom.

fuq il-patibolu, tellgħu ruħ onesta,
immanettjata bil-ħadid imsaħħan,
u sriep maqtula imdendlin fil-gholi.

is-sriep maqtula ġġanntu,
biex iffurmaw ħabel-serpent mill-itwal,
u dawru dan il-ħabel m'għonq il-vittma.

imgħallqa l-onestà, u l-bieb ingħalaq,
sakemm ilestu biex jidfnuh għal dejjem.

**MARIO GRISCTI**

**FIL-MIRJIEĦ**

Itfagħni fil-mirjieħ
ħa ntir ġo l-arja safja
u nsoff is-sħab bajdan
minn ġo mnifsejja
li s'issa xammew biss
dir-riħa mdardra.
Ħa naħfen is-sħab griż
fil-pali tqal ta' jdejja.
It-tajr nibilgħu f'tebqa,
is-skiet felħan fil-għoli
nvenvnu bit-tifwieq
u nkissru b'dawn minkbejja.
L-ikħal satinat
noftqu bi snieni
u l-qamar tal-eklissi
nqattgħu flieli.
Għax jien uniku
u nsaltan niedem
jien l-akbar invenzjoni
l-oħla ħolqien
għax jien il-bniedem.

**JOSEF BORG**

# ir-rakkont (1)

amanda busuttil

**TAL-INKWADRI**

Sqaq il-Brimb. It-Tnejn 14 ta' Jannar. Radjijiet b'volum għoli, iħabbru r-rapport tat-temp b'xita, ragħad, sajjetti u dlam għal ġimgħa sħiħa. Il-biċċa l-kbira tal-abitanti anzjani. Purtelli magħluqa. Iduru bil-piġama għal ġurnata sħiħa, jitlejqu minn mal-bank tal-kċina fqira, imma sinjura fil-kikkri tat-te, ġejjin u sejrin fejn biċċa televixin żgħir. Il-ħin kollu jaraw l-aħbarijiet u r-rapport tat-temp. U ma joħorġux mill-bieb 'il barra.

Tal-inkwadri tgeżwer f'gakketta akbar minnu darbtejn u ħareġ xorta waħda. Il-ħoss tar-roti tal-karettun ikarkar u jogħdos fit-toqob tat-triq mimlijin ilma. Tqanżiħa batuta u jissokkta jimxi jkarkar.

'Maltemp Karm, trid te ieħor?' tgħidlu Manannì b'idejha mimlijin artrite mill-wens u l-kenn ta' taħt is-saqaf.

'Agħmilli ieħor, iva u tinsiex titfagħli daqsxejn lumi', iwieġeb Karmenu b'ħalqu moħbi wara kutra ħoxna.

'Dal-maltemp kollu u donni qed nisma' lil tal-inkwadri riesaq lejna, Karm', qalet Mannani b'ton dubjuż imma b'ċertezza li qed tisimgħu ġej.

'U le x'qed tisma', dak il-maltemp Manann, mela llum tara ruħ barra?'

Ħabbat fl-ewwel dar u ma fetaħ ħadd. Reġa' ħabbat. F'wiċċu mgħotti bi tgeżwira tas-suf jidher biss imnieħru kbir u par għajnejn ċassi u fil-ħofra.

Tal-inkwadri ilu jdur lejn dawn in-naħiet qisu xi ħames snin. Sajf u xitwa, xemx u xita jgħaddi b'karettun mimli nkwadri antiki. Min ikollu xi nkwadru jrid jeħles minnu jagħtih lilu. X'kien jagħmel bihom, ħadd ma jaf eżattament. Ma kienx jitkellem anqas, ħlief bil-mossi. Ħafna kienu jitħassruh, ħafna kienu jsabbtulu l-bieb f'wiċċu, ħafna kienu jgħaddu ż-żmien bih u kien hemm bosta li kienu jsejħulu 'saħħar'.

L-isqaq ma kenux jgħixu nies sinjuri, imma kien idabbar xi ħaġa mingħandhom. Manannì kellha bintha toqgħod il-Mellieħa. Peress li tħalltet ma' tat-tajjeb, lil ommha u lil missierha kienet tistħihom quddiem il-familja ta' żewġha, kollhom tiġbid u ingliżati. Allura ddeċidiet illi lil ommha u missierha taqtagħhom minn ħajjitha. Ġaladarba kien ġara dan, Manannì kienet xebgħet tara wiċċha fl-inkwadru li kellha fil-kuritur u bejn kikkra te u oħra, din bintha mir-ritratt, dejjem tħares lejha biċ-ċiera u tfakkarhom li huma nies injoranti, fqar u ta' min jistmerrhom.

U kif faqqgħet sajjetta kbira u qatgħet id-dawl tar-raħal kollu, tal-inkwadri kien għoddu qaleb il-karettun bil-ħasda. Manannì geżwret l-inkwadru ta' bintha f'liżar antik, fetħet il-bieb u newlithulu. Fl-aħħar hi wkoll ħadet il-pass tagħha u qalet: 'Mela s-sinjuri jgħixu mas-sinjuri u l-fqar mal-fqar.' U dak il-ħin ix-xita qawwija li bdiet nieżla ddimunjata, ikkalmat f'irxiex. Tal-inkwadri rringrazzjaha permezz ta' mossa b'rasu.



# ir-rakkont (2)

Carmen Refalo

**IL-KAXXA TAD-DAQQ**



Tismagħha ġejja, leħinha jgħajjatlek,
Lejha tiċċassa, saqajk iċċaqlaqlek!

It-tfal ta' ħdejna daħlu jiġru bejn il-bieb ta' barra u l-antiporta. It-taħbit ta' saqajhom mal-injam u t-taħbit ta' jdejhom mal-ħġieġ ġegħelni nitlaq niġri biex nifthilhom. Sakemm wasalt baqgħu iħabbtu u jgħajtu,
"Oħrog Karm... ejja! Ġejja l-kaxxa tad-daqq!"
L-għajjat ħasad ukoll liz-zija Marì waqt li kienet nieżla minn fuq il-bejt bin-naxra fuq idha.
"X'ġara? Dan x'inhu dan l-istorbju kollu?", imma malajr indunat x'kien għax bdiet tisma' d-daqq riesaq lejna. Qaltli biex nistenniha, tefgħet il-ħwejjeġ fuq is-sodda tan-nannu, marret quddiem il-mera ċkejkna mdendla mal-ħajt, tkerħitilha waqt li rranġat xagħarha, neżgħet il-fardal u ħriġna t-tnejn quddiem il-bieb. Sadattant iz-zija Ċett kienet ġiet minn ġol-kċina u waslet fil-ħin biex iżżomm lin-nannu milli joħrog barra hu wkoll.
"Imnalla lħaqt ġejt Ċett,"qaltilha n-nanna,
"għax waħdi ma kontx inżommu. Baxxejtilha l-isperitiera?"
"Iva ma, poġġejt il-brodu fuq ta' bi tnejn u baxxejtilha; mhux se jinxef, tinkwetax. Ejja pa, imxi mmorru fuq il-bejt u naraw kollox minn hemm fuq; minn hemm l-aħjar. Itla' magħna ma."
In-nannu kien għadu jiflaħ jitla' t-taraġ bil-mod; għalkemm dahru kien beda jitgħawweġ u moħħu beda jiħfief. Iz-zija Ċett kienet tkellmu bil-ħlewwa u hu kien jobdiha f'kollox.
Kif jien u ziti ħriġna rajna ħafna tfal li kienu niżlu fit-triq tagħna u daru kollha mat-terramaxka; min jiċċassa lejn il-Kavallier u l-erba' figurini, li kellha mal-kaxxa fuq ir-roti li kienu jmexxuha, min iħares lejn dak li jdawwar ir-rota biex joħroġ id-daqq u min jitpaxxa bil-kuluri sbieħ li kienu jżejnuha. Xi sitt itfal erħewlha jaqbżu u joqomsu f'nofs it-triq; insomma qam briju sħiħ, kemm għat-tfal kif ukoll għall-kbar.
Wieħed mill-irġiel beda jdur man-nies biex jiġbor xi ħaġa tal-flus waqt li sieħbu baqa' jdawwar ir-rota u jdoqq.
"Zi, agħtini sitta biex nitfagħhielu ġol-bott ," u z-zija Marì daħħlet idha biex tfittex ġol-but tal-libsa, u tatni sold f'idi.
"Dan kollu se nitfagħhulu?" għax b'sold kunserva, Katy tal-ħanut kienet tagħtina żewġ imgħaref kbar ġo biċċa karta strazza.
"U iva, sitta mingħandi u sitta mingħandek... ħa jaqalgħu xi ħaġa msieken".
Wara li tfajtlu s-sold fil-bott tħajjart naqbeż jien ukoll.
Waqt li jien kont qed inħares lejn dak kollu li nqala' fit-triq, iz-zija Marì sabet ma' min tpaċpaċ u jien kif sibtha mitlufa fit-tlablib ersaqt ftit fil-ġenb ħdejn Lora u qbiżna u żfinna u dħaqna kemm flaħna flimkien.
Hekk kif id-daqq ħabat jitbiegħed u saqajja bdew jitqalu iz-zija Marì waqfet tpaċpaċ, ħarset lejja, telgħatilha fawra ikbar minn tiegħi, u ħatfitli jdejja biex nidħlu ġewwa ma mmurx nieħu xi riħ. Imma fil-pront naraw lil Tona, li kienet toqgħod ħdejn omm Lora, fit-triq ta' warajna,
"Ejja Lor... tridek ommok... ejja, għajjat lil ħutek.... għax ġie missierek!"
Kif semgħetha tgħid hekk Lora qabżet bil-ferħ, marret tiġri lejn ħutha u telqu jiġru daqs sajjetta lejn id-dar.
Jien kont naf li missierha kien imsiefer; mela kien ġie!
Il-kaxxa tad-daqq kienet ġabet magħha ferħa kbira għal dik il-familja.
Qabel ma daru għat-triq tagħhom taw l-aħħar daqqa t'għajn lejn it-terramaxka, qabżu żewġ qabżiet mad-daqq li kien għadu sejjer u daru l-kantuniera. Jien dort lejn ziti,
"Zi, minn fejn ġie missier Lora ... mill-Amerka ... minn ħdejn iz-zija Filomen?"
"Le... dak jaħdem fuq vapur u jmur ħafna postijiet fuqu ... u minn xi daqqiet jiġi jarahom."
"Għalfejn imur 'il bogħod? ... Għax ma jibqax hawn?"
"Imur biex jaħdem .... biex ikun jista' jibgħatilhom il-flus għall-ikel u l-ħwejjeġ".
"Imma issa jerġa' jmur?"
"Ma nafx ruħi.... imma naħseb li biex iġib il-flus ikollu jerġa' jmur."

Jien u z-zija Marì tlaqna 'l ġewwa u kif dħalna laqtitna r-riħa tfuħ tal-brodu taċ-ċanga kif kienet taf tagħmlu z-zija Ċett.

"Fejn hi t-tifla? Fejn hi? Żgur ħaduhielna!' Beda jgħajjat in-nannu hu u nieżel minn fuq il-bejt. "Le pa, hemm qiegħda, araha daħlet ma' Marì tagħna ħdejn l-antiporta," kienet pronta qaltlu z-zija Ċett waqt li għajnejha x'aktarx daru fid-dmugħ. Iz-zija Ċett kienet tħoss wisq għal missierha.

Dak il-ħin in-nanna semgħet il-palomba ddoqq mid-Dockyard; meta r-riħ kien jaqbel kienet tinstema' sewwa miż-Żejtun. U kif semgħetha fetħet idha u bdiet tgħid,

"Lesti wliedi għal-lum; Tereża u Ġużeppi daqt jaslu; u Nenu, ibni ż-żgħir sejjer lura d-dar għand martu."

Lil missieri qatt ma kienet tinsieh; u waqt li kompliet taħdem il-peduni qabdet tiżżi ħajr 'l Alla għax-xogħol mitmum ta' dak il-jum.

Malta-żagħżugħa Malta-xiħa, Malta-żagħżugħa
Malta-xiħa,
inħobbok/ma nħobbokx inħobbok/ma nħobbokx
inħobbok/ma
nħobbokx, Malta-mħabba Malta-semm Malta-pika
Malta-ferħ,
Malta! Irridek/ma rridekx irridek/ma rridekx irridek/
ma rridekx

Malta-kristjana Malta-pagana Malta-modesta Malta-
supperva
inħobbok/ma nħobbokx inħobbok/ma nħobbokx
inħobbok/ma nħobbokx
Malta-xiħa Malta-żagħżugħa, gżira tal-piki gżira tal-
ferħ,
Irridek/ma rridekx irridek/ma rridekx irridek/ma
rridekx
Inħobbok/ma nħobbokx inħobbok/ma nħobbokx
Malta Malta...

Kif nista' naħrab minnek jekk twelidt u trabbejt fik?

**VICTOR FENECH**
**(minn *MALTA poema viżiva*, Horizons, 2014)**

**IL-ĠIMGĦA 16 ta' MARZU 2001**

Waqt li tkun tiela' l-għolja
kulħadd iħares lejk
jidħaklek u joffrilek
li jiġbdek minn idejk.

Iżda x'ħin taqbad nieżel
kulħadd jabbandunak,
kulħadd idawwar wiċċu
taparsi mhux jarak.

Din hija l-ħajja, sieħbi;
munita b'żewġ uċuh,
Fjura li tfewwaħ, tgħaxxaq,
iżżejjen l-isbaħ ġnien;
ftit wara tinxef, tinten,
ma jridha ħadd, imkien.

**ALFRED MASSA**
**(minn *Fl-Għabex*, Dom Communications Ltd, 2016)**

**WOMAN**

M'hemmx isbaħ minnek.
Mara. Li bħalissa. Ħakimha.
Dak. Id-dell. Skur.

Hemm xemx. Mistoħbija.
Wara s-sħab.
Dik. Hi. Inti.

Tawwal. Dawk l-idejn.
U l-ġmiel. Jirradja.
Miss dik ruħek. Ġewwa. Ġismek.
Baħar. Ġmiel.

U d-dehen. Jisparkja.

**TARĊISJU ZARB**
**(minn *Fraġli - Poeżiji u Metalinji*, 2016)**

# ir-rakkont (3)

maria camilleri

**ID-DAR F'TARF IR-RAĦAL**



Kienet it-tieni darba li sab ruħu jterraq l-istess triq. Fuq kull naħa, xejn ħlief arbuxelli nexfin u maħruqa bix-xemx u ħaxix niexef donnu tiben. Għaraq kiesaħ xaqq għalih, imma dan ma kienx minħabba s-sħana ta' Awwissu Malti. L-Isqalli Pietro Palmieri ħassu fuq ix-xwiek. Kien ħosbien u aljenat u mingħajr ma ried, beda jobrom it-troffa xagħar ta' wara widintu, mossa li kien jagħmel meta kien ikun anzjuż. Tgħid jirnexxilu? Imma għala le? Ħa tant sogru f'ħajtu. Dejjem ġabha żewġ. U minn min kien qed jiddejjaq? Minn biċċa xiħa bla saħħa? Dejjem kien hu li werwer lil ħaddieħor. Il-ħarsa mqita tiegħu kienet biżżejjed biex iġġiegħel saħansitra lix-xitan jinżel għarkupptejh jitolbu ħniena. U meta se titfaċċa din l-imbierka jew misħuta dar, id-dar f'tarf ir-raħal?

Xi siegħa qabel dan kollu, Pietro Palmieri, li kien wasal Malta minn Londra xi jumejn qabel, kien waqaf quddiem binja kbira u moderna, fejn kien hemm l-uffiċini tal-aġent li kien jieħu ħsieb il-bejgħ u x-xiri tal-propjetà. Ħareġ mill-karozza tal-kiri u baqa' tiela' t-taraġ ta' quddiem l-entratura. Imbotta l-bieb kbir tal-ħġieġ u baqa' dieħel sa quddiem skrivanija fejn kien hemm daqsxejn ta' ġuvnott li mill-bixra ta' wiċċu donnu kellu seba' mitt sena ħa jsir il-ħin u jitlaq lejn id-dar. Dan laqgħu bi tbissima mqanżħa, xtaqlu l-għodwa t-tajba u stiednu jpoġġi bilqiegħda.

"Fiex nista' ngħinek, Sur …..?"

"Palmieri, Pietro Palmieri. Nixtieq tagħtini tagħrif dwar ċerta dar antika li tinsab fir-raħal viċin dan. Qiegħda eżatt fit-tarf tar-raħal, pjuttost imwarrba . M'ilux kont għaddej minn hemm u fuq il-faċċata rajt avviż li hi għal bejgħ," fissirlu l-istranġier.

L-aġent tah ħarsa minn fuq in-nuċċali. Waqt li beda jqalleb ruxxmata karti qallu, "Naħseb naf għal-liema qed tgħid." Kompla jgerfex il-karti sakemm sab dak li ried. "Hawn hi. Dar antika għandha madwar mitejn sena. Bil-kantini u b'għalqa kbira fuq wara. Prezz 400,000 ewro. Għadek interessat?" staqsieh, waqt li poġġa stress aktar qawwi fuq il-prezz.

"Għala le? Hemm xiħaġa ħażina f'din id-dar?

"Le, le," ħatfu l-aġent, "imma taf li dik id-dar se taqa' biċċiet? Għandna djar ferm akbar u isbaħ u mgħammrin bil-kumditajiet kollha, għal nofs dak il-prezz. U ħa ngħidlek mill-ewwel, dik id-dar lanqas kwart ta' dik is-somma ma tiswa."

Palmieri deher se jitlef sabru. "Int qiegħed hawn biex tbiegħ jew le? Filkas għidli u mmur infittex band'oħra."

"Stenna, stenna, Sinjur," u ħaseb f'qalbu, "Dan żgur daqsxejn nieqes minn moħħu biex irid jitgħabba b'biċċa mbarazz bħal dik!" Imbagħad kompla, "Però ħa ngħidlek mill-ewwel, li x-xiħa, sidt id-dar, qed titlob dal-prezz fenomenali għax fil-verità ma tixtieqx tbigħha."

"Miniex nifhmek, ta. Tista' tispjegali aħjar?

"Ara, Sur Palmieri, milli jidher, din id-dar għandha valur sentimentali għax-xiħa. Kienet ilha toqgħod hemm minn tfulitha. Kibret u trabbiet hemm. Meta żżewġet baqgħet tgħix fl-istess dar. Anka wara l-mewt ta' żewġha ma ċċaqilqetx minn hemm. Kellha tifel wieħed li kien siefer lejn l-Ingilterra, mingħalija. Skond kif jgħidu, kien qed jaqlagħha tajjeb hemm. Xi ħames snin ilu ġie Malta għal għarrieda. Wara xi jumejn li kien ilu hawn ġie maqtul b'tir f'moħħu. Din hi l-istorja kollha. Issa tista' tobsor għala dik id-dar hi hekk marbuta ma' qalb ix-xiħa."

# ir-rakkont (3) kont...

Iż-żagħżugħ ta' wara l-iskrivanija beda jittama li kien se jirnexxilu jaqta' qalb l-istranġier. Xejn ma kellu ħajra jħalli l-frisk tal-arja kkundizzjonata tal-uffiċċju u jsuq xi tliet mili f'dik is-sħana infernali.

L-Isqalli qam minn bilqiegħda. "Imma inti ssib xi oġġezzjoni jekk immur s'hemm u nagħti daqqa t'għajn? Jekk nagħmel xi ħsieb, nibqa' ġej hawn u ngħarrfek b'kollox. Imbagħad nerġgħu mmorru flimkien. Tajjeb hekk?"

"Kollox sew, Sir. J'alla togħġbok." Imma ż-żagħżugħ kien konvint li dak kien se jieħu triq għalxejn.

Iż-żewġt irġiel ħadu b'idejn xulxin u nfirdu.

U issa nsibu lil dan ir-raġel barrani jsuq lejn id-dar f'tarf ir-raħal. Dam ftit biex sabha. U tifhimha din. Kienu għaddew ftit tas-snin mhux ħażin mill-aħħar darba li kien hawn. Lanqas ried jiftakar! Għal naqra ma tilifx il-qaleb u l-ġbejna dakinhar.

Fl-aħħar, minn qalb is-siġar tal-bajtar tax-xewk u taż-żebbuġ, lemaħ id-dar. Ħareġ mill-karozza u mexa tul il-passaġġ miksi biċ-ċangaturi qodma, nofshom miksura u n-nofs l-ieħor żlugati. Wasal sal-grada msewsa ta' quddiem id-daħla tal-bieb. Għolla l-firroll imsaddad u fetaħha b'ħafna żaqżieq. Lanqas laħaq midd idu fuq il-ħabbata, meta nfetaħ il-bieb u quddiemu, fuq siġġu tar-roti, tfaċċat mara, b'xagħar abjad qotna, wiċċha mkemmex u b'ħarsa żorra. Fakkritu fis-saħħara ta' waħda mill-ħrejjef li kien qara fi tfulitu. Imma din ix-xiħa ta' quddiemu ma kinetx toqgħod f'dar taċ-ċikkulata u l-galettini.

"X'għandek bżonn?" ħatfitu. Inħasad.

"Ġejt inkellmek dwar din id-dar. Nixtieq nixtriha. Hux għall-bejgħ?"

"Iva. Imma taf kemm hu l-prezz? Jekk mintix lest tħallas dak li qed nitlob, tista' ddabbar rasek minn fejn ġejt. Toqgħodx ittellifni żmien."

"Kollox sew, Sinjura. Imma nixtieq nitkellmu ftit."

"Tajjeb. Mela għaddi ġewwa," qaltlu.

"Grazzi. Għoddni nqlejt hawn barra fix-xemx."

Daħal. Il-kamra mdaqqsa kienet mudlama u kkuppata bir-riħa ta' għeluq u umdità. Offrietlu siġġu u poġġa bilqiegħda. Beda jrewwaħ b'maktur li ħareġ mill-but, waqt li tefa' ħarsa mxennqa lejn it-tieqa magħluqa. Imma x-xiħa ma wriet ebda ħajra li tikkuntentah jew li tgħinu jħossu komdu. Reġiet is-siġġu tar-roti sakemm intasbet faċċata tiegħu. U qaltlu, "Allura?"

U beda, "Jien Sqalli imma kont ili ħafna ngħix Londra. Hemm kelli negozju tal-bini. Kont ili f'dan ix-xogħol bosta snin u rnexxieli nagħmel kemxa flus mhux ħażin. Issa nixtieq nirtira hawn Malta, għall-kwiet. Naħseb din id-dar tkun ideali għalija għax jien ngħix waħdi u m'għandix bżonn kobor."

"Iva, ideali, hux? Għandi nifhem li ġa taf kemm irrid tagħha, le?"

"Naf, iva. L-aġent għarrafni b'kollox. Imma jkollok tammetti li dan il-prezz hu għoli ferm meta tqis l-istat li tinsab fih din id-dar. Għandha bżonn spiża ġmielha biex titranġa u terġa' ssir abitabbli."

"Ara, Sinjur, ġa avżajtek, jekk mintix lest tagħtini kemm tlabt, tista' tinsieha."

"Imma, Sinjura...."

"Imma xejn. L-għodwa t-tajba." U wrietu l-bieb ta' barra.

"Tajjeb mela, m'hemmx x'nagħmel. Intik kemm qed titlob. 400,000 ewro trid? Nagħtihomlok." U f'qalbu ġibdilha waħda bl-għeruq u x-xniexel.

Mesaħ l-għaraq minn fuq moħħu u x-xiħa xenglet rasha u tbissmet.

"Issa naħseb għandek aptit xiħaġa x'tixrob, xi tgħid? Imbagħad nirrakkuntalek storja."

"Ma ngħidlekx le, u nirringrazzjak." Kellu bżonnha xarba friska wara battikata bħal dik.

B'għafsa ta' buttuna fuq il-ġenb tas-siġġu, ix-

# ir-rakkont (3) kont...

xiħa telqet lejn il-kċina. Waqa' silenzju kiebi, silenzju li kien miksur biss miċ-ċekċik tat-tazzi u xi tisbita tal-bieba tal-armarju. Ix-xarba waslet. Palmieri belagħha f'nifs wieħed. Żamm it-tazza f'idejh, donnu beda jieħu gost bil-kesħa tagħha.

"Żewġi miet meta ibni Andrew kellu biss ħames snin," qaltlu, filwaqt li tawlet idha għal fuq il-mejda tonda li kien hemm viċin u qabdet ritratt ta' raġel b'tifel fuq dirgħajh. Bdiet tmelles ix-xbieha tal-wieħed u tal-ieħor. "Batejna ħafna. Imma bit-tajjeb u l-ħażin Andrew kiber. Kien il-mimmi t'għajnejja. Ma kellix ħliefu fid-dinja. Darba ddeċieda li jħalli

Malta u jsiefer lejn Londra. Ma nafx x'kien jagħmel hemm imma żgur li kien idabbarha tajjeb għax kien jibgħatli somma flus ġmielha kull xahar. Kien iżommni ta' sinjura. Ma kien jonqosni xejn ħlief li xi darba jerġa' lura u jinġabar miegħi id-dar."

Hawnhekk leħen ix-xiħa bħal beda jitriegħed u bit-tarf tal-fardal li kellha fuqha, mesħet demgħa.

U kompliet, "Xi ħames snin ilu, ibni ġie għal għarrieda f'nofs ta' lejl. Ħasadni. Ma kienx waħdu. Miegħu kellu lil sieħbu, xi Taljan, mingħalija kien. Kien fih m'għola hawn b'xagħar twil sa fuq spallejh. Imma naturalment wiċċu ma rajtux minħabba d-dawl baxx tal-kamra. Niftakar ukoll li kont rajtha stramba kif magħhom ma kienu qed iġorru xejn ħlief bagalja mdaqqsa, sewda. B'tixjira ta' rasu, ibni talabni biex nitlaq lejn kamarti u nħallihom waħedhom. Tawni l-impressjoni li kellhom xi biċċa negozju urġenti bejniethom.

Wara li xorbu xiħaġa niżlu t-tnejn fil-kantina. Smajthom igedwdu minn taħt l-ilsien. Wara xi nofs siegħa telgħu. It-Taljan telaq bla kliem u bla sliem. Ibni ġie fil-kamra tiegħi, xtaqli l-lejl it-tajjeb u għall-mistoqsijiet bla għadd tiegħi, għolla sebgħu l-werrej quddiem xufftejh u għemiżni.

Meta qomt, l-għada filgħodu, Andrew kien ġa telaq 'il barra. Il-bagalja ma dehritx. Bħalma qed tara, minn fuq dan is-siġġu tar-roti ma kienx possibbli għalija li ndur dawra sew mad-dar, wisq inqas li nsir naf x'ġara fil-kantina.

Ix-xiħa waqfet għal ftit, reġgħet tat ħarsa lejn ir-ritratt u poġġietu f'postu.

Palmieri ħares ħarsa kurjuża lejn it-tazza li kien għadu kemm laqqat. Beda jilgħab mat-troffa xagħar ta' wara widintu.

Ix-xiħa xenglet rasha, tbissmet u kompliet. "Lejl minnhom stenbaħt maħsuda. Nisma' bħal ilħna jgħajtu. Wieħed minnhom m'għaraftux. Ma stajtx nimmagina kif kien daħal dal-proxxmu. Qomt bla ħoss, poġġejt fuq is-siġġu tar-roti u rsaqt inkiss inkiss lejn il-kamra t'ibni. L-ilħna bdew jogħlew. Imbagħad smajt sparatura. Ftaħt niġri l-bieb. It-tieqa kienet miftuħa u fil-kamra kien hemm biss ibni, mixħut ma' l-art, f'għadira demm. It-twerżiq li bdejt inwerżaq kien biżżejjed biex iqajjem il-mejtin."

Palmieri reġa' xxotta l-għaraq li beda jxoqq għalih. Beda jdawwar bejn subgħajh it-troffa xagħar. Ta daqqa t'għajn lejn it-tazza li kienet għadha f'idu u reġa' tiegħem it-togħma morra li ħallietlu dik ix-xarba.

Ix-xiħa ssuktat bir-rakkont tagħha. "Iva, dan ġara xi ħames snin ilu. Mill-pulizija sirt naf li waqt li kien imsiefer, ibni kien jagħmilha ma' kumpanija ħażina u spiss kienu jkunu nvoluti f'xi serqiet kbar. Kienu ilhom ħafna mfittxija mill-pulizija. Darba, ibni u sieħbu wettqu serqa ġmielha ta' flus u ġojjelli li kienu jiswew aktar minn żewġ miljun ewro. Ħarbu b'kollox u ġew Malta. U sal-lum il-ġurnata, la l-flus, la l-ġojjelli u lanqas il-qattiel t'ibni ma nstabu."

Wiċċ l-Isqalli issa sar lewn il-qarsa tax-xemgħa. Ħares madwaru u ma rax ħlief żlieġa.

"U kien f'dak il-lejl fatali, meta sieħeb ibni reġa' ġie ġo dari. Kien dak il-lejl meta smajthom jitlewmu, dak il-lejl meta ntemmet ħesrem ħajjet ibni. U wara xi jiem, tfajt id-dar għall-bejgħ. 400,000 ewro. Somma fenomenali, imma kont naf li l-qattiel t'ibni, illum jew għada kellu jitfaċċa, biex jakkwista din id-dar. Kelli biss nistenna."

Palmieri beda jitriegħed. It-tazza żżerżqet minn ma' subgħajh u telaq rasu lura. Kien tard wisq meta fehem il-pjan għaqli li bih ix-xiħa kienet firxet in-nasba tagħha.

Ħares fiss f'għajnejha. U x-xiħa tbissmet!

# il-poeżiji

**ĦNIENA**

Inħlew anki s-sentimenti.

Kulma baqa'
huwa l-lejl iżid jiskura
u f'riġlejna laqx il-kewkba
li lejn l-art
twaddbet miksura.

Intfew anki d-dwal ġewwiena.

Baqa' biss mid-dalma t-talba:
Ħniena!
Ħniena!

**JOE P. GALEA (FRA ĠOEL)**
**(minn *Dija*, Carmelite Institute Malta, 2011)**

**SENS TA' ĦELSIEN**

Hemm fil-libertà fl-ajru,
tinsab bħat-tajr tal-ħolqien;
minn hemm mifrux fuq kollox,
biex tagħtih sewwa ħarsien.

Fuq l-art ukoll hemm qiegħed,
fil-beraħ ta' tul immens;
m'hemm xejn li fih ifixkel,
għax qiegħed magħmul bis-sens.

Ukoll fil-baħar tinħass,
bl-ilma li jagħti mistrieħ,
għax il-ftuħ bla għandu  tarf,
iġiegħel ħajja tistrieħ.

L-istess mewt hija ħelsien,
wara tbatija kbira,
għaliex l-uġigħ jintesa';
li teħles, tkun il-mira.

X'issarraf il-libertà;
hi x'ħin bi ksur titlifha,
għax għall-ħaqq tiġi mgħajjat,
kif mal-kmand ixxellifha.

Dal-ħelsien ma jitqabbilx,
għaliex għalih ma hemmx prezz;
hu kullimkien imfittex,
biex dan issibu b'kull mezz.

**JOSEPH BONNICI**

**ISSA LI X-XITWA GĦODDHA NTEMMET**

Issa li x-xitwa għoddha ntemmet
u l-kesħa qiegħda tnin,
il-ġonna qed jitfaġġu bil-fjuri
imxedda b'ilbies l-aktar fin,
li waqt li jistiednu lill-friefet
jiġu jitbandlu magħhom,
qed iħajjru lin-naħal,
jersqu għall-benna tagħhom.

L-għasafar tal-passa resqin
jistrieħu fuq din-nitfa ta' Skoll,
jimirħu qalb is-siġar tal-kampanja,
iferrħu l-madwar bl-għanjiet tagħhom,
u tħoss illi magħhom,
trid tkanta għanjiethom ta' sliem.

Bix-xemx aktar sħuna w ħanina,
qed tbakkar filgħodu,
u tishar filgħaxija,
il-jum ħa bixra ġdida
b'sema nir u ftit irqajja,
ta' sħab mifrux.. jitlajja.

Issa li x-xitwa qed tmajna,
u ġmielu qed jonfoħ il-frott,
in-nies qiegħda tinża' l-kappott
u toħroġ sabiex tilqa' lir-rebbiegħa,
li għal dawn l-aħħar xhur,
xtaqet u ħolmot biha.

**CHARLES MIFSUD**

**IT-TNEJN 18 TA' ĠUNJU 2001**

Qatt ma naf li fhimtek sewwa
daqs il-lejla
xħin ilmaħt għajnejk ileqqu
bir-rifless tax-xemx ħamrana
nieżla ħelu ħelu war' l-għoljiet
u f'dik il-ħemda
u f'dak is-skiet
tkellimna u tħabbibna
waqt li doqna il-ħlewwiet
li twaddbulna mis-smewwiet.

**ALFRED MASSA**
**(Minn *Fl-Għabex*, Dom Communications Ltd., 2015)**

**SEMA FL-ART**

Jien kont ċkejken, dejjem noħlom
b'sema fl-art:
ħajja ħelwa li fi ħsiebi
kont sawwart.

Iżda s-sema baqa' sema;
ma ġiex fl-art,
u sirt naf li dik biss ħolma
xi ftit tard.

**ĠORĠ BORG**

**PERDENDO L'ATTIMO**

Quest'è la vita,
attimo dopo attimo,
come quando in tivù
la pubblicità
e poi chiedere a se stessi
dov'eravamo cominciati. . .
Chiudere gli occhi e si chiede
dove siamo arrivati. . .
Quest'è la vita
attimi, solo attimi,
e foglie effimerali buttati via
al vento che soffia.

Quest'è la vita,
il vento che soffia
perdendo l'attimo.

**ALFRED GRECH**

**TISBIQ**

Xħin tisma' r-riħ jokrob
u jogħtob fix-xejn.
Jekk inti tistaqsi...
Dil-ħemda għalfejn?

Xħin tisma' l-mewġ jilheġ
jiddgħajjef max-xatt.
Jekk inti tistaqsi...
Għax tgħattab l-imbatt?

Xħin tisma' r-ragħad jidwi
u jiskot binhar.
Jekk inti tistaqsi
bil-ferħa... fejn mar?

Hawn kollox jitwaqqat,
kull bidu kull tmiem!
Xħin tmut iż-żerriegħa,
f'waqt wieħed id-dwiem...

**RAYMOND GRECH**

(**Postscriptum**: Ir-riħ, il-mewġ u r-ragħad f'din il-poeżija huma metafori, kliem li juru b'saħħa t-taħbit u t-tġrib li jgħaddi minnu l-bniedem. Jaslu wkoll dawk il-waqtiet li jieqfu l-burraxki u t-toqol tal-ħajja; u l-mistoqsijiet ta' kif, għaliex u min ma jonqsux. Il-qawwiet tan-natura wkoll imutu. Wara l-maltemp jiġi l-bnazzi!)

**REQUIEM LILL-WARDA**

M'ilux xi snin, O warda ħamranija,
li jien f'ħamrij'għammiela kont ħawwiltek.
Saqqejtek b'ilma bnin biex narak tikber
u ssirli warda, d'hen minn ta' sbuħitek.

'Mm'għaddew ftit xhur u rajtek sejra lura,
kull meta jien narak, b'pass mgħaġġel ġmielu.
Rajtek bla saħħa u kont marida ħafna
li l-weraq bdew jisfaru u bdew jidbielu.

Daqshekk jien ġejt fil-ġnien biex bik nitgħaxxaq
u naqta' warda biex nagħmilha ġewwa.
Daqshekk int rajtni ħdejk filgħodu kmieni
inxomm ir-riħa tfuħ u kollha ħlewwa.

X'għafsa ħassejt li nifdet ġewwa qalbi
xħin qlajtek minn għeruqek, mill-ħamrija
u ħsibt li dak li llum qed jiġri lilek
għad jasal dan iż-żmien ukoll għalija.

**JOSEPH SCIBERRAS**
**Ħ'Attard**

**STAQSEJNA L-QAMAR**

Staqsejna l-qamar fejn ninġabru llejla
sabiex jaqralna storja li għallimna,
staqsejna 'l-kwiekeb għala qegħdin jegħmżu,
għandhomx messaġġ li jridu jagħtu lilna,
staqsejna r-riħ 'il fejn irid jeħodna,
u xi jrid jgħid bil-krib u t-tvenvin tiegħu,
staqsejna l-art, it-triq li fuqha nimxu,
min aħna tabilħaqq f'din l-avventura.

**CHARLES BEZZINA**
**(minn *Mal-Ħmura tax-Xefaq, 2016*)**

# il-poeżiji

**ĦAŻ-ŻABBAR: L-ARLOĠĠ TAŻ-ŻMIEN**

Ġrajjieti tgħanni dejjem, sa mill-qedem:
jixhduh dawk l-oqbra hawnhekka misjubin,
u l-iskeletri li jfakkruni dejjem
f'missirijieti, f'moħba minsijin.

Minn fuqi għadda ż-żmien, għamlieti biddel
fuq din il-gżira msawta mill-irjieħ.
Jien ħaġa waħda kont mar-rħula ħdejja;
kont magħhom nifraħ jew inħoss l-uġigħ.

Mill-ġar firduni. Bdejt għal rasi naqdef,
interraq waħdi qalb widien u għoljiet.
Ħabbitni n-nies, bħax-xemx li tisreġ fuqi;
u dan jixhduh eluf ta' ismijiet.

Rifsuni t-Torok bil-mibegħda f'qalbhom;
u balal il-Franċiżi ma naqsux
itellfu l-hena li kien hawn ġo dari.
għajb l-aħħar gwerra niesi ma felħux.

**CARMEL MALLIA**
**(minn *Vulcan*, 2016)**

**ILLUM JEW ILBIERAĦ ?**

Arja tqila nħoss madwari
li tnissilli dwejjaq kbar:
qed jinħattu il-valuri
u deħlin ġo l-ifqar ċpar;
u it-tazza tal-velenu
Imlejniha 'l fuq, sax-xfar.

'Llum kulħadd jippretendiha,
kemm żagħżugħ u wkoll ix-xiħ.
L-hena tiegħu juri għerfu,
miskin inti jekk tmerieh;
anki jekk meta tqis kliemu
'ssb  li ebda risq ma fih.

Slaħna ftit il-Liġijiet
biex tissaħħaħ l-espressjoni
kemm bil-fomm, u kemm mod ieħor,
kollox bla riperkussjoni.
Kemm tad-dagħa, mġibiet sesswali;
bdilna hekk il-perċezzjoni.

'Ssib min jgħid li llum aħjar,
għax kien hawn ħafna 'njoranza.
'Żda la llum, anqas ilbieraħ
l-għerf ma kien tal-maġġoranza.
Post il-għaqal, sens komun,
imlejnih b'ħafn' arroganza.

**CHARLES MAGRO**

**EUCHARIST**
(Lill-ħabib tiegħi Fra Ġoel poeta mistiku)

Mill-alabastru kaħlani tat-twieqi
dawl bati żboċċa
u bħal Abram mas-sebħ bakkart
lejn il-qċaċet tal-għoljiet ta' Morijah
u matul it-trejqa tax-xagħri għarib
ħlomt li fil-ħawt tal-ilma salmastru
riġlejja u jdejja baħbaħt
u fuq l-għera tal-art moxa
bilqiegħda ntasabt
bħal miġwaħ nistejqer
b'loqma ħobż u b'boqqa nbid
f'waqt mistiku mibdula
f'miraklu ta' seħer divin.

**ANDREW SCIBERRAS**
**(minn *Fraġli - Poeżiji u Metalinji*, 2016)**

**HEKK IL-ĦAJJA... METAMORFOSI**

Kemm jiddardar il-baħar
meta jaħbat mal-qiegħa,
ftit riħ u xejn ma jibqa' għal li kien.
Kemm jissaħħab l-ajru f'riħ ta' siegħa
u t-temp ikrah nibdew narawh sabiħ.

Hekk il-ħajja metamorfosi:
friegħi tas-siġra jinbidlu f'arbli tad-dawl
ħamrija ratba tinbidel f'art iebsa stanga
graffiti mħażżin fuq il-ħitan
imbagħad tibjida friska
u xorta narawhom sbieħ.
Proposti  miktuba fir-ramel
jogħla l-ħalel u jiġi lixx bħal irħam
daqs li kieku qatt ma kien.
Tiċrit tal-ħluq li jinbidlu f'tixmir tal-imnieħer.
Hekk il-ħajja
metamorfosi.

**OMAR SEGUNA**

**MY COUNTRY GREECE**

My country, I want to sing
your beauties, your picturesque islands and seas.

In the clear blue waters the life-giving sun
is for everybody laughter, joy and friend.

In each holy stone of yours and every shrine,
History stopped to relax a while.

In stone mule paths and in white country chapels
in small harbors sheltered from wind, in heavenly
[places…

Wherever I look around, I see you everywhere
and with deep emotion, my Greece, I fill with tears.

My unique country, give me your inspiration
to say hymns for you to the end of the world.

**ZACHAROULA GAITANAKI**
***Il-Greċja***

**VALENTINE'S DAY**
**February 14 in USA**

Dear friends and brothers,
Christians, Jewish, Buddhists,
Lamanists, Monists, Mormons,
Quakers, Taoists, Islamic,
people of Voodoo, Atheists,
and the ones who adore Tupã*!

I love you as my brothers
and sisters, does not matter
your nationality or religion,
if you are honest
and respect the thoughts,
sentiments and creed
of the other people,
giving them freedom
to be and to live as they wish.

Our humanity is already
developing to the point
of being tolerant and ecumenical
and we can as an individual
go ahead and embrace
freedom to all.

Globalization must start
with love, just as the
beginning of life.
Only respect and love
among all can bring peace!
Let us love all people without
prejudice of race and religion.

I am atheist, but in solidarity
I am also Christian, Jewish,
Buddhist, Quaker, Taoist,
Islamic, and I am with
the people who profess the
Voodoo and the Indians
who adore Tupã.

* Tupã is the God Sun of Brazilian Indians.

**TERESINKA PEREIRA**
***L-Istati Uniti***

**THE SPRING WIND**

The spring wind comes. I know
your face is the source of the spring wind
turn your face toward me please! Meize
there are the very warm on your face
and also the beautiful flowers of smile

Oh, your face planted the sunshine
and also the small and fragmentary footsteps
Meize, your face planted the very beauty
planted, Meize, planted the labyrinth of the green
and also the language that conquer my sentiment

Turn your face toward me please! Meize
I'll drink in your sweet smile
drink in your very tender and fullness
drink in your very sweetness and chastity
turn your face toward me please! Meize

It's right, Meize
when you turn your face toward me now
I do feel that whole my thirst blow into green
your bright eyes loiter in my heart, Meize
I'll tell you that your bright eyes are very shining, very
loud……

**HSU CHICHENG**
***Iċ-Ċina***

# minn fuq l-ixkaffa




***FRAĠLI – POEŻIJI U METALINJI*, ta' Tarċisju Zarb u Andrew Sciberras, 2016.**

Dan hu ktieb ta' 140 paġna li jinkludi fih żewġ kitbiet ta' Tarċisju Zarb, l-aħjar poeżiji ta' Andrew Sciberras mill-ġabriet *Samsara* sa *Frammenti minn Moħħi*, metapoeżiji ta' Tarċisju Zarb, flimkien ma' riflessjonijiet tal-awturi u ħassieba kbar. Interessanti u innovattiv huwa l-fatt li Andrew Sciberras u Tarċisju Zarb jinkludu flimkien mal-poeżiji tagħhom kwotazzjonijiet minn ħassieba u kittieba kbar, kemm Maltin kif ukoll barranin, imma anki l-kummenti u r-reazzjonijiet ta' bosta persuni ġaladarba bosta minn dawn il-poeżiji dehru fuq is-sit soċjali tal-*facebook*. B'hekk għandna quddiem għajnejna djalogu ħaj bejn il-poeżija u l-konsumatur tagħha li jirreaġixxi għaliha istantanjament, filwaqt li min-naħa l-oħra għandek lill-poeta li jwieġeb u jikkummenta quddiem ir-reazzjonijiet ta' dak li jkun. Fit-tarf ta' kull poeżija nsibu wkoll annotazzjonijiet li jgħinu lill-qarrej jifhem aħjar ċertu kliem li jidher diffiċli jew kuntesti u tagħrif li l-qarrej mhux familjari magħhom. Għal min jixtieq kopja l-prezz hu ta' 10 ewro, inkluża l-posta, u jista' jikteb direttament lil Andrew Sciberras fl-indirizz elettroniku artist@melita.com jew fuq *facebook.*




***THE MISFIT* ta' Oliver Friggieri (maqlub għall-Ingliż minn Charles Briffa), Faraxa Publishing, 2016.**

Dan ir-rumanz kien oriġinarjament ippubblikat bil-Malti bl-isem ta' *L-Istramb* (1980). Ir-rumanz jittratta l-istorja taż-żagħżugħ Baruch li jsib il-ħajja fuq gżira żgħira (Malta) diffiċli. Narawh f'relazzjonijiet differenti: mal-ġenituri, ma' professur universitarju, ma' seminarista, u anki ma' prostituta li ma taċċettax l-imħabba "vera" li joffrilha. Dik ta' Baruch hi ħajja ta' solitudni, delużjonijiet varji, abbandun, dipressjoni, u l-bqija. Fil-kitba fittizzja tiegħu Oliver Friggieri jiddiskuti l-potenzjalitajiet u r-realtajiet inċiżivi tal-personaġġi tiegħu biex jippreżenta stampa kontemporanja tan-natura umana. Baruch jiskopri lilu nnifsu bħala stramb, imur fejn imur, filwaqt li jħoss li ma jista' jagħmel xejn iktar dwar ħajtu. Permezz tat-traduzzjoni ta' Charles Briffa, issa dan ir-rumanz jista' jinqara wkoll lil hinn minn xtutna minn dawk li ma jifhmux il-Malti. Dan hu għalhekk xogħol ieħor li permezz tat-traduzzjoni qed jiġi esportat biex jitgawda minn qarrejja li jagħmlu parti minn suq ħafna u ħafna ikbar. Permezz ta' dan ix-xogħol il-letteratura Maltija qed terġa' titqiegħed fuq il-mappa dinjija.




***VULCAN* ta' Carmel Mallia, 2016.**

Dr. Carmel Mallia kiteb drammi, rumanzi, poeżiji b'ilsna differenti, inkluż l-Esperanto, u qaleb numru ta' xogħlijiet barranin għall-Malti. Dan fost bosta attivitajiet kulturali oħrajn. Din hija t-tieni edizzjoni, għal kollox differenti mill-ewwel waħda tas-sena 2000. F'dan it-tieni ktejjeb insibu l-verżjoni bil-Malti ta' *Vulcan* flimkien ma' dik bl-Ingliż, din id-darba biex jitfakkar l-40 anniversarju ta' din il-ġrajja kerha li seħħet fl-14 ta' Ottubru 1975, f'Ħaż-Żabbar. Oriġinarjament dan il-ktejjeb kien il-bażi ta' *musical* li nħadem fit-Teatru Notre Dame fl-istess raħal, mis-17 sad-19 ta' Novembru 1995. Il-lirika kellha l-mużika ta' John Mallia, li dderieġa wkoll il-*musical*. Ix-xogħol preżenti jinqasam f'disa' partijiet, miktubin bil-vers u l-metrika tradizzjonali: mela jitħaddmu l-kwartina bir-rima mqabbża, l-ottonarju, id-dekasillabu, il-kwaternarju, flimkien ma' xi strofi ta' tulijiet u ritmi differenti. Dik ta' Mallia hija lingwa mexxejja, b'partijiet fejn jinkludi r-ritornelli, f'oħrajn id-diskors dirett, flimkien ma' esklamazzjonijiet u mistoqsijiet retoriċi li jiddeskrivu waqtiet u burdati differenti li minnhom seta' għadda min għex fl-ewwel persuna din il-ġrajja traġika tat-tiġrif tal-Vulcan XM645. Hawn Carmel Mallia jgħinna niftakru fi ġrajja li setgħet ħalliet konsegwenzi agħar u anki f'dawk li tilfu ħajjitom u ndarbu fl-istess okkażjoni.

# minn fuq l-ixkaffa




***MAL-ĦMURA TAX-XEFAQ* ta' Charles Bezzina, Għawdex, 2016.**

Charles Bezzina huwa wieħed mill-poeti li baqgħu jiktbu u jippubblikaw b'mod konsistenti matul is-snin. Din id-darba nistgħu naqraw għażla ta' poeżiji li huwa kiteb bejn l-2011 u l-2014, mitejn b'kollox. Din ta' Bezzina hija għażla favur il-prosodija u l-metrika tradizzjonali, fuq kollox il-kwartini bir-rima mqabbża, is-settenarji, l-ottonarji u l-endekasillabi. Kif jikteb il-Prof. Oliver Friggieri: "Aktar minn poeti oħrajn ta' qablu u ta' żmienu, Bezzina jitlob li jinqara b'leħen għoli, sewwasew għaliex, iżjed milli fil-każ ta' poeti oħrajn, huwa jikkonċepixxi l-poeżija dejjem bħala test mużikali, nisġa naturali magħmula minn sens u ħoss, minn alternanza kontinwa bejn enfasi u nuqqas ta' enfasi. Huwa jikteb b'mod li jrid ifakkar il-ħin kollu li l-versi tiegħu huma essenzjalment esperjenzi mbiddla fi ħsejjes metriċi, regolari, melodiċi, u ma jistgħux jinqraw jekk mhux bħala sensiela ta' alternanzi bejn sillaba bl-aċċent u sillaba mingħajr aċċent." Dawk ta' Charles Bezzina huma versi li għandhom mill-ftuħ u mis-sliem tal-ispazji naturali kemm lokali kif ukoll dawn lil hinn minn xtutna. Huma wkoll versi ġenwini li ħerġin direttament minn qalb poeta tassew.




***IL-ĦAJJA MTEMMA ĦESREM TA' SAĊERDOT SENGLEAN GĦAREF* ta' Fabian Mangion, 2015.**

F'dan il-ktejjeb ta' 62 paġna Fabian Mangion jikteb dwar il-ħajja tal-Kan. Profs. Dun Ġwann Theuma Relf li għex bejn l-1910 u l-1941. Mangion jintrabat ħafna mal-istudju tal-istorja tal-Isla. Din id-darba jlaqqagħna mal-ħajja ta' dan l-ewwel u l-iżgħar membru tal-kleru Malti li tilef ħajtu matul it-Tieni Gwerra Dinjija. Mangion stess jikteb hekk fid-Daħla: "Qallibt għadd mhux żgħir ta' kitbiet li jittrattaw dawn is-snin ta' tiġrib u twegħir. Żort ukoll xi arkivji, fosthom dak tal-Kurja Arċiveskovili ta' Malta fil-Floriana, tal-Parroċċa u l-Kolleġġjata tal-Isla u l-Arkivju Nazzjonali fir-Rabat. Bil-għajnuna ta' saċerdoti Maltin li kienu qed jistudjaw f'Ruma, akkwistajt ukoll tagħrif dwar is-snin li fihom Dun Ġwann kien qed jistudja fil-Belt Eterna." L-awtur tkellem ukoll mas-Sur Joe Theuma, in-neputi anzjan ta' Dun Ġwann li ħalla din id-dinja ta' tletin sena. Il-ktejjeb hu mżewwaq b'għadd ta' ritratti li juru lil Dun Ġwann f'waqtiet differenti matul ħajtu, dokumenti interessanti. Fl-aħħar partijiet tal-ktejjeb insibu annotamenti u anki biblijografija dettaljati.




***IL-ĦADDIEM TA' MISS WILMA* ta' Carmel Scicluna, Horizons, 2015.**

Is-sottotitlu għal dan il-ktieb huwa "Kummiedji fuq il-ħaddiema taċ-ċivil". Din hija t-tieni ġabra ta' stejjer mil-laboratorju, tnax b'kollox, miġburin f'191 paġna. Wieħed diġà jieħu idea ta' fiex jikkonsistu dawn l-istejjer billi jħares lejn it-titli stess: "Żaren in-Nipla", "Twannie l-Coca", "Grezzju l-Iswed", "Ġorġ il-Meatpie", "Barney l-Ispiżjar" u "Johnny l-English", fost oħrajn. Dwar dan il-ktieb Scicluna jistqarr hekk f'intervista li għamillu l-editur ta' IL-PONT: "*Il-Ħaddiema ta' Miss Wilma* huwa parodija li kultant taqsmek bid-daħk, u kultant tisserjak, fuq il-ħaddiema tal-gvern li "jaħdmu" f'laboratorju fejn l-ikel li jidħol għat-testijiet jittiekel. Dawn dejjem jivvintaw il-bluhat u l-praspar biex jgħaddi l-ħin. Imma jien għaraft ukoll noħloq diversi simboli u lil-Laboratorju bħala metafora ċentrali eżistenzjalista; tattiċi simili użajthom f'*Barney l-Ispiżjar*, aktarx l-aktar parodija selvaġġa li qatt ktibt fuq Malta. *Il-Ħaddiema ta' Miss Wilma* hu mnebbaħ mil-laboratorju (kif kien qabel dħalna fl-Unjoni Ewropea) fejn ili naħdem 23 sena... F'*Il-Ħaddiema ta' Miss Wilma* kont ispirat minn Samuel Beckett, Franz Kafka, Albert Camus u Jean-Paul Sartre, u forsi oħrajn..." I Li hu żgur hu li l-kitba ta' Carmel Scicluna hija garanzija ta' divertiment u riflessjoni fl-istess ħin.